**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

**2025/0335(COD)**

14.4.2026

# EMENDI
# 1291 - 1705

**Abbozz ta' rapport**
**Elena Donazzan**
(PE784.432v01-00)

Is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni

Proposta għal regolament
(COM(2025)0335 – 2025/0335(COD))

**Emenda 1291**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 14 – punt ec (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ec) servizzi taċ-ċibersigurtà.*** |

Or. en

**Emenda 1292**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 15**
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 15

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) "fornitur tas-servizzi spazjali" tfisser fornitur ***tas-servizzi spazjali kopert minn dan ir-Regolament***; | (15) "fornitur tas-servizzi spazjali" tfisser ***operatur spazjali jew*** fornitur ***primarju ta' data bbażata fuq l-ispazju, li jipprovdi s-servizzi definiti fil-punt (14)***; |

Or. en

**Emenda 1293**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) "fornitur tas-servizzi spazjali" tfisser fornitur tas-servizzi spazjali ***kopert minn dan ir-Regolament***; | (15) "fornitur tas-servizzi spazjali" tfisser fornitur tas-servizzi spazjali ***kif definit fil-punt 14 ta' dan l-Artikolu jew tad-data bbażata fuq l-ispazju kif definit*** |

***fil-punt 12 ta' dan l-Artikolu***;

Or. en

**Emenda 1294**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) "fornitur tas-servizzi spazjali" tfisser fornitur ***tas-servizzi spazjali kopert minn dan ir-Regolament***; | (15) "fornitur tas-servizzi spazjali" tfisser ***operatur spazjali jew*** fornitur ***primarju ta' data bbażata fuq l-ispazju, li jipprovdi s-servizzi definiti fil-punt (14)***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żieda ta' "data bbażata fuq l-ispazju" mad-definizzjoni ta' fornitur tas-servizzi spazjali tiżgura li l-forniturijiet primarji tad-data bbażata fuq l-ispazju, jiġifieri kategorija distinta stabbilita b'mod separat, ikunu koperti b'mod espliċitu mill-obbligi tar-Regolament. It-test tal-Kummissjoni ħoloq lakuna bejn il-forniment tad-data u l-forniment tas-servizzi li din l-emenda tagħlaq.*

**Emenda 1295**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) "fornitur tas-servizzi spazjali" tfisser ***fornitur tas-servizzi*** spazjali ***kopert minn*** dan ir-Regolament; | (15) "fornitur tas-servizzi spazjali" tfisser ***operatur li jipprovdi s-servizzi*** spazjali ***fil-punt 14 ta'*** dan ir-Regolament; |

Or. en

**Emenda 1296**
**Giorgio Gori, Jens Geier, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) "fornitur tas-servizzi tal-SSA" tfisser kwalunkwe entità li hija rikonoxxuta mill-Aġenzija u stabbilita fi Stat Membru u toffri data jew servizzi li għandhom l-għan li jtejbu s-sikurezza spazjali marbuta mad-detezzjoni, it-traċċar u l-klassifikazzjoni ta' oġġetti spazjali, l-evitar tal-kolliżjonijiet, l-analiżi tad-data orbitali, il-frammentazzjoni u d-dħul mill-ġdid ta' oġġetti spazjali fl-atmosfera, avvenimenti meteoroloġiċi spazjali u oġġetti qrib id-dinja;*** |

Or. en

**Emenda 1297**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 16 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) "operatur spazjali" tfisser entità pubblika jew privata li ***topera l-infrastruttura*** spazjali***, billi twettaq imqar wieħed mis-servizzi spazjali li ġejjin, abbażi ta' awtorizzazzjoni jew reġim speċifiku għat-twettiq ta' programm spazjali nazzjonali:*** | (16) "operatur spazjali" tfisser entità pubblika jew privata li ***twettaq jew timpenja ruħha biex twettaq attivitajiet*** spazjali***;*** |

Or. en

**Emenda 1298**

**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 16 – parti introduttorja**
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 16

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) "operatur spazjali" tfisser entità pubblika jew privata li ***topera l-infrastruttura*** spazjali***, billi twettaq imqar wieħed mis-servizzi spazjali*** li ġejjin***, abbażi ta' awtorizzazzjoni jew reġim speċifiku għat-twettiq ta' programm spazjali nazzjonali***: | (16) "operatur spazjali" tfisser entità pubblika jew privata li ***twettaq jew timpenja ruħha li twettaq attivitajiet*** spazjali***, inklużi dawn*** li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 1299**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 16 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) "operatur spazjali" tfisser entità pubblika jew privata li ***topera l-infrastruttura*** spazjali, ***billi twettaq imqar wieħed mis-servizzi spazjali*** li ġejjin***, abbażi ta' awtorizzazzjoni jew reġim speċifiku għat-twettiq ta' programm spazjali nazzjonali***: | (16) "operatur spazjali" tfisser entità pubblika jew privata li ***twettaq jew timpenja ruħha li twettaq attivitajiet*** spazjali***, inklużi dawn*** li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 1300**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 16 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) "operatur spazjali" tfisser entità pubblika jew privata li topera l-infrastruttura spazjali, billi twettaq imqar wieħed mis-servizzi spazjali ***li ġejjin, abbażi ta' awtorizzazzjoni jew reġim speċifiku għat-twettiq ta' programm spazjali nazzjonali:*** | (16) "operatur spazjali" tfisser entità pubblika jew privata li topera l-infrastruttura spazjali ***fl-Unjoni***, billi twettaq imqar wieħed mis-servizzi spazjali ***kif definiti fil-punt 14 ta' dan l-Artikolu;*** |

Or. en

**Emenda 1301**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 16 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) l-operat, il-kontroll u r-ritorn ta' oġġett spazjali ("operatur ta' inġenju spazjali");*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1302**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 16 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) l-operat, il-kontroll u r-ritorn ta' oġġett spazjali ("operatur ta' inġenju spazjali");*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1303**

**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 16 – punt a**
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 16 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-operat, il-kontroll u ***r-ritorn*** ta' oġġett spazjali ("operatur ta' inġenju spazjali"); | (a) l-operat, il-kontroll u ***d-dħul mill-ġdid*** ta' oġġett spazjali ("operatur ta' inġenju spazjali"); |

Or. en

**Emenda 1304**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 16 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) l-operat, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-proċess tal-illanċjar ta' oġġett spazjali ("operatur tal-illanċjar");*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1305**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 16 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) l-operat, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-proċess tal-illanċjar ta' oġġett spazjali ("operatur tal-illanċjar");*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1306**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 16 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) l-operat, il-kontroll u l-manutenzjoni tal-faċilitajiet fis-segment terrestri tal-infrastruttura spazjali użata għall-proċess tal-illanċjar ("operatur tas-sit tal-illanċjar");*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1307**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 16 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) l-operat, il-kontroll u l-manutenzjoni tal-faċilitajiet fis-segment terrestri tal-infrastruttura spazjali użata għall-proċess tal-illanċjar ("operatur tas-sit tal-illanċjar");*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1308**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 16 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***(d) l-operazzjoni u l-kontroll ta' oġġett spazjali għall-finijiet tal-forniment ta' operazzjoni u servizz fl-ispazju, inkluż għal oġġetti spazjali oħra ("fornitur tal-ISOS");***

***imħassar***

Or. en

**Emenda 1309**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 16 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) l-operazzjoni u l-kontroll ta' oġġett spazjali għall-finijiet tal-forniment ta' operazzjoni u servizz fl-ispazju, inkluż għal oġġetti spazjali oħra ("fornitur tal-ISOS");*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1310**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(17) "operatur spazjali tal-Unjoni" tfisser operatur spazjali stabbilit fl-Unjoni, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew minn persuna ġuridika li tkun fornitur tas-servizzi spazjali stabbilit fl-Unjoni;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-subkategorija "Operatur spazjali tal-Unjoni" hija żejda mill-aspett operazzjonali fil-kuntest tas-sistema ċentralizzata tal-awtorizzazzjoni tal-EUSA. Il-ħidma regolatorja mwettqa*

*b'din id-definizzjoni — li tiddistingwi bejn operaturi stabbiliti fl-UE u dawk mhux tal-UE — huwa mmaniġġjat permezz tal-artikoli dwar l-awtorizzazzjoni u r-reġistrazzjoni, u mhux permezz ta' subkategorija definizzjonali.*

**Emenda 1311**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) "operatur spazjali tal-Unjoni" tfisser operatur spazjali stabbilit fl-Unjoni, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew minn persuna ġuridika li tkun fornitur tas-servizzi spazjali stabbilit fl-Unjoni; | (17) "operatur spazjali tal-Unjoni" tfisser operatur spazjali stabbilit fl-Unjoni, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew minn persuna ġuridika li tkun fornitur tas-servizzi spazjali stabbilit fl-Unjoni***, u li tipprovdi servizzi spazjali fl-Unjoni***; |

Or. en

**Emenda 1312**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 17**
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 17

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) "operatur spazjali tal-Unjoni" tfisser operatur spazjali stabbilit fl-Unjoni, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew minn persuna ġuridika li tkun ***fornitur tas-servizzi spazjali stabbilit*** fl-Unjoni; | (17) "operatur spazjali tal-Unjoni" tfisser operatur spazjali stabbilit fl-Unjoni, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew minn persuna ġuridika li tkun ***stabbilita*** fl-Unjoni ***jew li twettaq illanċjar mit-territorju tal-Unjoni***; |

Or. en

**Emenda 1313**

**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) "operatur spazjali tal-Unjoni" tfisser operatur spazjali stabbilit fl-Unjoni, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew minn persuna ġuridika ***li tkun fornitur tas-servizzi spazjali stabbilit fl-Unjoni***; | (17) "operatur spazjali tal-Unjoni" tfisser operatur spazjali stabbilit fl-Unjoni, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew minn persuna ġuridika ***stabbilita*** fl-Unjoni ***jew li twettaq illanċjar mit-territorju tal-Unjoni***; |

Or. en

**Emenda 1314**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 18**
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 18

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) "kontroll" tfisser, għall-finijiet ***tal-punt*** (17), il-kapaċità li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq entità legali direttament, jew indirettament tramite entità legali intermedjarja waħda jew aktar; | (18) "kontroll" tfisser, għall-finijiet ***tal-punti*** (17) ***u (19)***, il-kapaċità li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq entità legali direttament, jew indirettament tramite entità legali intermedjarja waħda jew aktar; |

Or. en

**Emenda 1315**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) "kontroll" tfisser, għall-finijiet tal-punt (17), il-kapaċità li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq entità legali direttament, jew indirettament tramite entità legali intermedjarja waħda jew aktar; | (18) "kontroll" tfisser, għall-finijiet tal-punt (17) ***u (19)***, il-kapaċità li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq entità legali direttament, jew indirettament tramite entità legali intermedjarja waħda jew aktar; |

Or. en

**Emenda 1316**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(19) "operatur spazjali ta' pajjiż terz" tfisser operatur spazjali stabbilit f'pajjiż terz li jwettaq xi wieħed minn dawn li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) jipprovdi servizzi spazjali lil operaturi spazjali tal-Unjoni, jew b'rabta ma' assi spazjali definiti fil-punti (20) u (21),*** | |
| ***(b) jaġixxi bħala fornitur primarju ta' data bbażata fuq l-ispazju, jew*** | |
| ***(c) jipprovdi servizzi lil fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju;*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni sħiħa hija sostitwita bir-regola simplifikata dwar l-aċċess għas-suq: l-operaturi ta' pajjiżi terzi li jipprovdu servizzi fl-Unjoni jirreġistraw fl-URSA. Is-subkategoriji definizzjonali dettaljati ma jibqgħux meħtieġa fid-dawl tal-arkitettura simplifikata ta' reġistrazzjoni.*

**Emenda 1317**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 19 – parti introduttorja**
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 19

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) "operatur spazjali ta' pajjiż terz" tfisser operatur spazjali stabbilit f'pajjiż terz li jwettaq xi wieħed minn dawn li ġejjin: | (19) "operatur spazjali ta' pajjiż terz" tfisser operatur spazjali stabbilit f'pajjiż terz***, ħlief meta jkun operatur spazjali tal-Unjoni skont il-paragrafu (1f) jew jekk iwettaqx illanċjar mit-territorju tal-Unjoni u*** li jwettaq xi wieħed minn dawn li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 1318**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 19 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) "operatur spazjali ta' pajjiż terz" tfisser operatur spazjali stabbilit f'pajjiż terz li jwettaq xi wieħed minn dawn li ġejjin: | (19) "operatur spazjali ta' pajjiż terz" tfisser operatur spazjali stabbilit f'pajjiż terz***, ħlief meta jkun operatur spazjali tal-Unjoni skont il-paragrafu 17 jew jekk iwettaqx illanċjar mit-territorju tal-Unjoni u*** li jwettaq xi wieħed minn dawn li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 1319**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 19 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) "operatur spazjali ta' pajjiż terz" | (19) "operatur spazjali ta' pajjiż terz" |

| | |
|---|---|
| tfisser operatur spazjali stabbilit f'pajjiż terz li jwettaq xi wieħed minn dawn li ġejjin: | tfisser operatur spazjali stabbilit f'pajjiż terz li jwettaq xi wieħed minn dawn li ġejjin ***fl-Unjoni***: |

Or. en

**Emenda 1320**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jipprovdi servizzi spazjali ***lil operaturi spazjali tal-Unjoni****, jew b'rabta ma' assi spazjali definiti fil-punti (20) u (21),* | (a) jipprovdi servizzi spazjali, |

Or. en

**Emenda 1321**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jipprovdi servizzi spazjali lil operaturi spazjali tal-Unjoni, jew b'rabta ma' assi spazjali ***definiti fil-punti (20) u (21),*** | (a) jipprovdi servizzi spazjali lil operaturi spazjali tal-Unjoni, jew b'rabta ma' assi spazjali ***tal-Unjoni jew li huma governattivi jew mhux governattivi;*** |

Or. en

**Emenda 1322**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a**
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jipprovdi servizzi spazjali lil operaturi spazjali tal-Unjoni, jew b'rabta ma' assi spazjali ***definiti fil-punti (20) u (21),*** | (a) jipprovdi servizzi spazjali lil operaturi spazjali tal-Unjoni, jew b'rabta ma' assi spazjali ***tal-Unjoni jew li huma governattivi jew mhux governattivi*** |

Or. en

**Emenda 1323**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 20**
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 20

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) "assi tal-Unjoni" tfisser assi tanġibbli u intanġibbli tal-Unjoni maħluqa jew żviluppati permezz tal-Programm Spazjali tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2021/696 u fl-Artikolu ***1*** tar-Regolament (UE) 2023/588 ; | (20) "assi tal-Unjoni" tfisser assi tanġibbli u intanġibbli tal-Unjoni maħluqa jew żviluppati permezz tal-Programm Spazjali tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2021/696 u ***permezz tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura msemmi*** fl-Artikolu ***6(1)*** tar-Regolament (UE) 2023/588; |

Or. en

**Emenda 1324**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| ***(21) "assi spazjali governattivi jew mhux governattivi" tfisser assi għajr dawk definiti fil-punt (20), kemm jekk proprjetà pubblika kif ukoll privata, operati minn awtorità pubblika jew minn parti privata stabbilita fi Stat Membru, inkluż assi b'użu doppju mqiegħda fil-kontroll ċivili;*** | ***imħassar*** | |

Or. en

**Emenda 1325**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) "assi spazjali governattivi jew mhux governattivi" tfisser assi għajr dawk definiti fil-punt (20), kemm jekk proprjetà pubblika kif ukoll privata, operati minn awtorità pubblika jew minn parti privata stabbilita fi Stat Membru***, inkluż assi b'użu doppju mqiegħda fil-kontroll ċivili***; | (21) "assi spazjali governattivi jew mhux governattivi" tfisser assi għajr dawk definiti fil-punt (20), kemm jekk proprjetà pubblika kif ukoll privata, operati minn awtorità pubblika jew minn parti privata stabbilita fi Stat Membru; |

Or. en

**Emenda 1326**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) "assi spazjali governattivi jew mhux governattivi" tfisser assi għajr dawk definiti fil-punt (20), kemm jekk proprjetà pubblika kif ukoll privata, operati minn awtorità pubblika jew minn parti privata stabbilita fi Stat Membru***, inkluż assi b'użu doppju mqiegħda fil-kontroll ċivili***; | (21) "assi spazjali governattivi jew mhux governattivi" tfisser assi għajr dawk definiti fil-punt (20), kemm jekk proprjetà pubblika kif ukoll privata, operati minn awtorità pubblika jew minn parti privata stabbilita fi Stat Membru; |

Or. en

**Emenda 1327**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 21**
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 21

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) "assi spazjali governattivi jew mhux governattivi" tfisser assi għajr ***dawk definiti fil-punt (20)***, kemm jekk proprjetà pubblika kif ukoll privata, operati minn awtorità pubblika jew minn parti privata stabbilita fi Stat Membru, inkluż assi b'użu doppju mqiegħda fil-kontroll ċivili***;*** | (21) "assi spazjali governattivi jew mhux governattivi" tfisser assi għajr ***assi tal-Unjoni***, kemm jekk proprjetà pubblika kif ukoll privata, operati minn awtorità pubblika jew minn parti privata stabbilita fi Stat Membru, inkluż assi b'użu doppju mqiegħda fil-kontroll ċivili |

Or. en

**Emenda 1328**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(22) "fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju" tfisser fornituri ta' servizzi spazjali, stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiż terz, li jibdew l-ewwel ipproċessar tad-data bbażata fuq l-ispazju li jkun teknikament biżżejjed biex iwassal għal forniment sussegwenti ta' data bbażata fuq l-ispazju, kif ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) il-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, meta d-data bbażata fuq l-ispazju kkonċernata tkun komunikazzjoni;*** | |
| ***(b) il-fornituri tas-servizzi spazjali li*** | |

***jiżguraw l-ewwel ipproċessar tad-data tal-osservazzjoni, qabel ipproċessar ieħor tagħha, meta id-data bbażata fuq l-ispazju kkonċernata tkun data tal-osservazzjoni;***

Or. en

**Emenda 1329**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 22 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) "fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju" tfisser fornituri ta' servizzi spazjali, ***stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiż terz, li jibdew l-ewwel ipproċessar tad-data*** bbażata fuq l-ispazju ***li jkun teknikament biżżejjed biex iwassal għal forniment sussegwenti ta' data bbażata fuq l-ispazju,*** kif ġej: | (22) "fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju" tfisser fornituri ta' servizzi spazjali, ***li jipprovdu għall-ewwel darba data*** bbażata fuq l-ispazju ***fl-Unjoni*** kif ġej: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sostituzzjoni tal-frażi "jibdew l-ewwel ipproċessar" bil-frażi "jipprovdu għall-ewwel darba data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni" bħala l-limitu għall-istatus ta' "fornitur primarju" tagħti stampa aħjar tal-iskattatur tal-aċċess għas-suq: il-mument rilevanti tal-ewwel provvista fis-suq tal-Unjoni, mhux il-pass ta' pproċessar tekniku, li jvarja skont l-arkitettura teknoloġika.*

**Emenda 1330**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 22 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) "fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju" tfisser ***fornituri ta' servizzi spazjali, stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiż*** | (22) "fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju" tfisser ***persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jipprovdu d-data*** bbażata fuq l- |

| | |
|---|---|
| ***terz, li jibdew l-ewwel ipproċessar tad-data*** bbażata fuq l-ispazju ***li jkun teknikament biżżejjed biex iwassal għal forniment sussegwenti ta' data bbażata fuq l-ispazju,*** kif ġej: | ispazju ***għall-ewwel darba fis-suq tal-Unjoni, sabiex tiġi distribwita jew tintuża fis-suq tal-Unjoni, bi ħlas jew mingħajr ħlas*** kif ġej: |

Or. en

**Emenda 1331**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) il-forniturі tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, meta d-data bbażata fuq l-ispazju kkonċernata tkun komunikazzjoni;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1332**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) il-forniturі tas-servizzi spazjali li jiżguraw l-ewwel ipproċessar tad-data tal-osservazzjoni, qabel ipproċessar ieħor tagħha, meta id-data bbażata fuq l-ispazju kkonċernata tkun data tal-osservazzjoni;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1333**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(23) "organizzazzjoni internazzjonali" tfisser organizzazzjoni internazzjonali li tipprovdi servizzi spazjali fl-Unjoni jew data bbażata fuq l-ispazju ġġenerata minn oġġetti spazjali mqiegħda f'orbita mhux aktar 'il bogħod mill-GEO u mħaddma minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħal dawn;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1334**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(23) "organizzazzjoni internazzjonali" tfisser organizzazzjoni internazzjonali li tipprovdi servizzi spazjali fl-Unjoni jew data bbażata fuq l-ispazju ġġenerata minn oġġetti spazjali mqiegħda f'orbita mhux aktar 'il bogħod mill-GEO u mħaddma minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħal dawn;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni ristretta, limitata għall-organizzazzjonijiet internazzjonali li jipprovdu servizzi spazjali fl-orbita sal-GEO, hija sostitwita mid-dispożizzjonijiet iddedikati għall-organizzazzjonijiet internazzjonali fit-Titolu II u fl-Artikolu 107. Iż-żamma ta' definizzjoni awtonoma aktar stretta mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet toħloq ambigwità interpretattiva.*

**Emenda 1335**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) "organizzazzjoni internazzjonali" tfisser organizzazzjoni internazzjonali li tipprovdi servizzi spazjali fl-Unjoni jew data bbażata fuq l-ispazju ġġenerata minn oġġetti spazjali mqiegħda f'orbita mhux aktar 'il bogħod mill-GEO u mħaddma minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħal dawn; | (23) "organizzazzjoni internazzjonali" tfisser organizzazzjoni internazzjonali ***msejsa fuq trattat jew strument ieħor skont id-dritt internazzjonali*** li tipprovdi servizzi spazjali fl-Unjoni jew data bbażata fuq l-ispazju ġġenerata minn oġġetti spazjali mqiegħda f'orbita mhux aktar 'il bogħod mill-GEO u mħaddma minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħal dawn; |

Or. en

**Emenda 1336**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) "fornitur tas-servizzi ***spazjali*** tal-evitar tal-kolliżjonijiet" tfisser fornitur ta' servizzi tal-evitar tal-kolliżjonijiet, inkluż l-entità tal-Evitar tal-Kolliżjonijiet (l-entità CA) fl-Unjoni, jew forniturі tal-evitar tal-kolliżjonijiet stabbiliti f'pajjiż terz; | (24) "fornitur tas-servizzi tal-evitar tal-kolliżjonijiet" tfisser fornitur ta' servizzi tal-evitar tal-kolliżjonijiet, inkluż l-entità tal-Evitar tal-Kolliżjonijiet (l-entità CA) fl-Unjoni, jew forniturі tal-evitar tal-kolliżjonijiet stabbiliti f'pajjiż terz; |

Or. en

**Emenda 1337**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) "fornitur ***tas-servizzi spazjali*** tal-evitar tal-kolliżjonijiet" tfisser fornitur ta' servizzi tal-evitar tal-kolliżjonijiet, ***inkluż*** l-entità tal-Evitar tal-Kolliżjonijiet (l-entità CA) ***fl-Unjoni, jew fornituri tal-evitar tal-kolliżjonijiet stabbiliti f'pajjiż terz***; | (24) "fornitur tal-evitar tal-kolliżjonijiet ***(fornitur CA)***" tfisser fornitur ta' servizzi tal-evitar tal-kolliżjonijiet ***stabbilit fl-Unjoni jew f'pajjiż terz***, ***inkluża*** l-entità ***tal-Unjoni*** tal-Evitar tal-Kolliżjonijiet (***"***l-entità ***tal-Unjoni*** CA***"***); |

Or. en

**Emenda 1338**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 24a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24a) "manuvrabbiltà tal-inġenji spazjali" tfisser il-kapaċità li jitwettqu manuvri għall-evitar tal-kolliżjoni, li jinżammu l-pożizzjonijiet orbitali assenjati, u li jitwettqu operazzjonijiet ta' prossimità meta jkun applikabbli;*** |

Or. en

**Emenda 1339**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) "istituzzjoni tar-riċerka u tal-edukazzjoni" tfisser fornitur ta' servizzi spazjali li jwettaq attivitajiet fl-ispazju għal skopijiet ***esperimentali***, kemm jekk juża r- | (25) "istituzzjoni tar-riċerka u tal-edukazzjoni" tfisser fornitur ta' servizzi spazjali li jwettaq attivitajiet fl-ispazju ***unikament*** għal skopijiet ***ta' riċerka,*** |

riżultati ta' dik ir-riċerka għal skopijiet kummerċjali kif ukoll jekk le;

***innovazzjoni jew edukazzjoni***, kemm jekk juża r-riżultati ta' dik ir-riċerka għal skopijiet kummerċjali kif ukoll jekk le;

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żieda ta' "unikament" mal-eżenzjoni tal-istituzzjoni tar-riċerka u tal-edukazzjoni tagħlaq lakuna legali: skont it-test tal-Kummissjoni, operatur kummerċjali jista' juża sussidjarja tar-riċerka li tuża wkoll ir-riżultati kummerċjali biex titlob l-eżenzjoni. Il-formulazzjoni riveduta tillimita l-eżenzjoni għall-attivitajiet imwettqa purament għal skopijiet ta' riċerka, innovazzjoni jew edukazzjoni.*

**Emenda 1340**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) "istituzzjoni tar-riċerka u tal-edukazzjoni" tfisser ***fornitur ta' servizzi spazjali li jwettaq*** attivitajiet ***fl-ispazju għal skopijiet*** esperimentali, kemm jekk juża r-riżultati ta' dik ir-riċerka għal skopijiet kummerċjali kif ukoll jekk le; | (25) "istituzzjoni tar-riċerka u tal-edukazzjoni" tfisser ***organizzazzjoni li għandha l-għan ewlieni li twettaq*** attivitajiet ***ta' riċerka u edukazzjoni jew żvilupp*** esperimentali, kemm jekk juża r-riżultati ta' dik ir-riċerka għal skopijiet kummerċjali kif ukoll jekk le; |

Or. en

**Emenda 1341**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) "istituzzjoni tar-riċerka u tal-edukazzjoni" tfisser fornitur ta' servizzi spazjali li jwettaq attivitajiet fl-ispazju għal | (25) "istituzzjoni tar-riċerka u tal-edukazzjoni" tfisser fornitur ta' servizzi spazjali li jwettaq attivitajiet fl-ispazju għal |

| | |
|---|---|
| skopijiet esperimentali, kemm jekk juża r-riżultati ta' dik ir-riċerka għal skopijiet kummerċjali kif ukoll jekk le; | skopijiet esperimentali ***jew għar-riċerka fundamentali***, kemm jekk juża r-riżultati ta' dik ir-riċerka għal skopijiet kummerċjali kif ukoll jekk le; |

Or. en

**Emenda 1342**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) "istituzzjoni tar-riċerka u tal-edukazzjoni" tfisser fornitur ta' servizzi spazjali li jwettaq attivitajiet fl-ispazju għal skopijiet ***esperimentali, kemm jekk juża r-riżultati ta' dik ir-riċerka għal skopijiet kummerċjali kif ukoll jekk le***; | (25) "istituzzjoni tar-riċerka u tal-edukazzjoni" tfisser fornitur ta' servizzi spazjali li jwettaq attivitajiet fl-ispazju għal skopijiet ***ta' riċerka u innovazzjoni jew edukazzjoni bħala wieħed mill-objettivi ewlenin tagħha***; |

Or. en

**Emenda 1343**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) "***kumpaniji*** żgħar b'kapitalizzazzjoni medja" (SMCs) tfisser intrapriżi kif definiti fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2025) 3500 final; | (27) "***intrapriżi*** żgħar b'kapitalizzazzjoni medja" (SMCs) tfisser intrapriżi kif definiti fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2025) 3500 final; |

Or. en

**Emenda 1344**

**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(28) "entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata" tfisser operaturi spazjali li huma intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni, li japplikaw il-ġestjoni tar-riskju simplifikata msemmija fl-Artikolu 10(3) u fl-Artikolu 15(2);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1345**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(28) "entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata" tfisser operaturi spazjali li huma intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni, li japplikaw il-ġestjoni tar-riskju simplifikata msemmija fl-Artikolu 10(3) u fl-Artikolu 15(2);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1346**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| ***(28) "entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata" tfisser operaturi spazjali li huma intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni, li japplikaw il-ġestjoni tar-riskju simplifikata msemmija fl-Artikolu 10(3) u fl-Artikolu 15(2);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1347**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(28) "entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata" tfisser operaturi spazjali li huma intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni, li japplikaw il-ġestjoni tar-riskju simplifikata msemmija fl-Artikolu 10(3) u fl-Artikolu 15(2);*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tmexxa għall-Artikolu 10*

**Emenda 1348**
**Marina Mesure**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) "entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju ***simplifikata***" tfisser operaturi spazjali li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni, li japplikaw il-ġestjoni tar-riskju ***simplifikata*** msemmija fl- | (28) "entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju ***assistita***" tfisser operaturi spazjali li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni, li japplikaw il-ġestjoni tar-riskju ***assistita*** msemmija fl-Artikolu 10(3) |

| | |
|---|---|
| Artikolu 10(3) u fl-Artikolu 15(2); | u fl-Artikolu 15(2); |

Or. fr

**Emenda 1349**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 28**
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 28

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) "entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata" tfisser operaturi spazjali li huma intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni, li japplikaw ***il-ġestjoni*** tar-riskju simplifikata ***msemmija fl-Artikolu 10(3) u fl-Artikolu 15(2)***; | (28) "entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata" tfisser operaturi spazjali li huma intrapriżi żgħar ***u ta' daqs medju jew intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja*** jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni, li japplikaw ***ġestjoni*** tar-riskju simplifikata; |

Or. en

**Emenda 1350**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) "servizz tal-illanċjar" tfisser servizz maħsub biex iqiegħed oġġett spazjali ġo orbita, inkluż ***it-tentattivi*** tal-illanċjar; | (31) "servizz tal-illanċjar" tfisser servizz maħsub biex iqiegħed oġġett spazjali ġo orbita, inkluż ***li tentattivi*** tal-illanċjar***, tad-dħul mill-ġdid, tal-irkupru u tal-użu mill-ġdid jistgħu jkunu parti minn dan is-servizz*** ; |

Or. en

**Emenda 1351**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) "servizz tal-illanċjar" tfisser servizz maħsub biex iqiegħed oġġett spazjali ġo orbita, inkluż it-tentattivi tal-illanċjar; | (31) "servizz tal-illanċjar" tfisser servizz maħsub biex iqiegħed oġġett spazjali ġo orbita, inkluż it-tentattivi tal-illanċjar***, tad-dħul mill-ġdid, tal-irkupru u tal-użu mill-ġdid***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żieda ta' "tentattivi ta' dħul mill-ġdid, irkupru u użu mill-ġdid" mad-definizzjoni tas-servizz tal-illanċjar tiżgura li ċ-ċiklu operazzjonali sħiħ ta' vetturi tal-illanċjar riużabbli — inklużi operazzjonijiet ta' rkupru — jaqa' fl-ambitu tar-rekwiżiti dwar is-sikurezza tal-illanċjar. Mingħajr din iż-żieda, il-fażi ta' rkupru taqa' barra mill-attività rregolata.*

**Emenda 1352**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) "servizz tal-illanċjar" tfisser servizz maħsub biex iqiegħed oġġett spazjali ġo orbita, ***inkluż it-tentattivi tal-illanċjar***; | (31) "servizz tal-illanċjar" tfisser servizz maħsub biex iqiegħed oġġett spazjali ġo orbita, ***inklużi l-illanċjar, id-dħul mill-ġdid, l-irkupru u l-użu mill-ġdid***; |

Or. en

**Emenda 1353**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 32a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(67) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità pubblika stabbilita jew dežinjata bħala awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 28;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1423**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 67**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (67) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità pubblika stabbilita jew dežinjata bħala awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 28; | (67) "awtorità ***nazzjonali*** kompetenti" tfisser awtorità pubblika stabbilita jew dežinjata bħala awtorità ***nazzjonali*** kompetenti f'konformità mal-Artikolu 28; |

Or. en

**Emenda 1424**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 67**
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 67

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (67) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità pubblika stabbilita jew dežinjata bħala awtorità kompetenti ***f'konformità mal-Artikolu 28***; | (67) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità pubblika stabbilita jew dežinjata bħala awtorità kompetenti ***minn Stat Membru***; |

Or. en

**Emenda 1425**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 68**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (68) "korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju" tfisser korp tekniku stabbilit fi Stat Membru li jwettaq valutazzjoni teknika b'rabta mal-materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali koperti minn dan ir-Regolament u li jkun ġie notifikat lill-Kummissjoni f'konformità ma' dan ir- | (68) "korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju" tfisser korp tekniku stabbilit fi Stat Membru li jwettaq valutazzjoni teknika b'rabta mal-materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali koperti minn dan ir-Regolament u li jkun ġie notifikat ***mill-Istati Membri*** lill-Kummissjoni |

| | |
|---|---|
| Regolament; | f'konformità ma' dan ir-Regolament; |

Or. en

**Emenda 1426**
**Jens Geier**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 68**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (68) "korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju" tfisser korp tekniku ***stabbilit fi Stat Membru*** li jwettaq valutazzjoni teknika b'rabta mal-materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali koperti minn dan ir-Regolament u li jkun ġie notifikat lill-Kummissjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament; | (68) "korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju" tfisser korp tekniku li jwettaq valutazzjoni teknika b'rabta mal-materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali koperti minn dan ir-Regolament u***, għal korpi tekniċi kwalifikati nazzjonali,*** li jkun ġie notifikat lill-Kummissjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament; |

Or. en

**Emenda 1427**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 68**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (68) "korp tekniku kwalifikat ***għall-attivitajiet fl-ispazju***" tfisser korp tekniku ***stabbilit fi Stat Membru*** li jwettaq valutazzjoni teknika b'rabta mal-materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali koperti minn dan ir-Regolament u li jkun ġie notifikat lill-Kummissjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament; | (68) "korp tekniku kwalifikat" ***(QTB)*** tfisser korp tekniku li jwettaq valutazzjoni teknika b'rabta mal-materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali koperti minn dan ir-Regolament u li jkun ġie notifikat lill-Kummissjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament; |

Or. en

**Emenda 1428**
**Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Pascale Piera, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay, Marion Maréchal**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 68**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (68) "korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju" tfisser korp tekniku ***stabbilit fi Stat Membru*** li jwettaq valutazzjoni teknika b'rabta mal-materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali koperti minn dan ir-Regolament u ***li jkun ġie notifikat lill-Kummissjoni*** f'konformità ***ma' dan ir-Regolament;*** | (68) "korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju" tfisser korp tekniku li jwettaq valutazzjoni teknika b'rabta mal-materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali koperti minn dan ir-Regolament u ***jista' jinkludi l-ESA*** f'konformità ***mal-ftehim internazzjonali msemmi fl-Artikolu 108.*** |

Or. en

**Emenda 1429**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 70**
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 70

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (70) "standard" tfisser standard armonizzat kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; | (70) "standard" tfisser ***rekwiżit spazjali eżistenti ġeneralment rikonoxxut jew*** standard armonizzat kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; |

Or. en

**Emenda 1430**
**Giorgio Gori, Jens Geier, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 70a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(70a) "organizzazzjoni u korp Ewropew tal-istandardizzazzjoni spazjali" tfisser organizzazzjonijiet u korpi tal-istandardizzazzjoni spazjali bħas-CEN/CENELEC, l-ETSI u l-ECSS li għandhom mandat uffiċjali biex jiżviluppaw standards rilevanti għall-iżvilupp, il-manifattura u l-operazzjonijiet tas-sistemi spazjali;*** |

Or. en

**Emenda 1431**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 70a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(70a) "organizzazzjoni tal-istandardizzazzjoni" tfisser entità li tiżviluppa, tippubblika u żżomm l-istandards Ewropej f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet, mal-akkademja u mal-industrija;*** |

Or. en

**Emenda 1432**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 71**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (71) "***speċifikazzjonijiet*** komuni" tfisser sett ta' ***rekwiżiti*** tekniċi***, li mhumiex standards,*** li jipprovdu mezzi ***ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli għaċ-ċertifikat elettroniku u t-tniġġis tad-dawl u tar-radju***; | (71) "***speċifikazzjoni*** komuni" tfisser sett ta' ***speċifikazzjonijiet*** tekniċi ***kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (4) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012,*** li jipprovdu mezzi ***għall-konformità ma' ċerti rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament***; |

Or. en

**Emenda 1433**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 72**
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 72

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(72) "fatturat" tfisser l-ammont derivat minn impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1434**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 72**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(72) "fatturat" tfisser l-ammont derivat minn impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1435**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 72**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(72) "fatturat" tfisser l-ammont derivat minn impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1436**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 72**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(72) "fatturat" tfisser l-ammont derivat minn impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1437**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 73**
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 73

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| ***(73) "Tikketta Spazjali tal-Unjoni" tfisser dokument maħruġ mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2021/696 ("l-Aġenzija") li jattesta li oġġett spazjali partikolari ġie evalwat għall-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi tas-sikurezza, tar-reżiljenza, jew tas-sostenibbiltà ambjentali stipulati fi Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni;*** | | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1438**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 73**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(73) "Tikketta Spazjali tal-Unjoni" tfisser dokument maħruġ mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2021/696 ("l-Aġenzija") li jattesta li oġġett spazjali partikolari ġie evalwat għall-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi tas-sikurezza, tar-reżiljenza, jew tas-sostenibbiltà ambjentali stipulati fi Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1439**
**Sarah Knafo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 73**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(73) "Tikketta Spazjali tal-Unjoni" tfisser dokument maħruġ mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2021/696 ("l-Aġenzija") li jattesta li oġġett spazjali partikolari ġie evalwat għall-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi tas-sikurezza, tar-reżiljenza, jew tas-sostenibbiltà ambjentali stipulati fi Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1440**
**Sarah Knafo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 74**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(74) "Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni" tfisser sett komprensiv ta' regoli, rekwiżiti tekniċi, standards u proċeduri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li japplikaw għall-kontroll tal-konformità ta' prodotti, proċessi, servizzi, inklużi attivitajiet tal-ittestjar u tal-ispezzjoni mwettqa fir-rigward ta' materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza jew tas-sostenibbiltà ambjentali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1441**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 74**
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 74

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(74) "Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni" tfisser sett komprensiv ta' regoli, rekwiżiti tekniċi, standards u proċeduri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li japplikaw għall-kontroll tal-konformità ta' prodotti, proċessi, servizzi, inklużi attivitajiet tal-ittestjar u tal-ispezzjoni mwettqa fir-rigward ta' materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza jew tas-sostenibbiltà ambjentali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1442**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 74**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(74) "Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni" tfisser sett komprensiv ta' regoli, rekwiżiti tekniċi, standards u proċeduri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li japplikaw għall-kontroll tal-konformità ta' prodotti, proċessi, servizzi, inklużi attivitajiet tal-ittestjar u tal-ispezzjoni mwettqa fir-rigward ta' materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza jew tas-sostenibbiltà ambjentali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1443**
**Jens Geier**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 75**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (75) "rieżami ***tad-disinn kritiku***" tfisser | (75) "rieżami ***tar-rekwiżit tas-sistema***" |

| | |
|---|---|
| l-istadju fil-proċess tal-inġinerija, tal-manifattura u tal-iżvilupp***,*** li ***jiddetermina li d-disinn u l-konfigurazzjoni tas-sistemi u tas-subsistemi jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati kollha tal-missjoni spazjali, mil-lat ta' prestazzjoni, kompatibbiltà***, ***speċifikazzjonijiet tal-prodott, valutazzjoni tar-riskju, ippjanar tat-testijiet*** preliminari***,*** ***adegwatezza tal-operazzjoni*** preliminari ***u provvista ta' dokumenti ta' appoġġ, li jippermettu lill-proċess jissokta għall-implimentazzjoni u l-integrazzjoni tas-sistema***. | tfisser l-istadju fil-proċess tal-inġinerija, tal-manifattura u tal-iżvilupp li ***jirrilaxxa l-ispeċifikazzjonijiet tar-rekwiżiti tekniċi***, ***jivvaluta d-definizzjonijiet tad-disinn*** preliminari ***u l-programm ta' verifika*** preliminari. |

Or. en

**Emenda 1444**
**Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Pascale Piera, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay, Marion Maréchal**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 75**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (75) "rieżami ***tad-disinn kritiku***" tfisser l-istadju fil-proċess tal-inġinerija, tal-manifattura u tal-iżvilupp***,*** li ***jiddetermina li d-disinn u l-konfigurazzjoni tas-sistemi u tas-subsistemi jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati kollha tal-missjoni spazjali, mil-lat ta' prestazzjoni, kompatibbiltà***, ***speċifikazzjonijiet tal-prodott, valutazzjoni tar-riskju, ippjanar tat-testijiet*** preliminari***,*** ***adegwatezza tal-operazzjoni*** preliminari ***u provvista ta' dokumenti ta' appoġġ, li jippermettu lill-proċess jissokta għall-implimentazzjoni u l-integrazzjoni tas-sistema***. | (75) "rieżami ***tar-rekwiżit tas-sistema***" tfisser l-istadju fil-proċess tal-inġinerija, tal-manifattura u tal-iżvilupp li ***jirrilaxxa l-ispeċifikazzjonijiet tar-rekwiżiti tekniċi***, ***jivvaluta d-definizzjonijiet tad-disinn*** preliminari ***u l-programm ta' verifika*** preliminari. |

Or. en

**Emenda 1445**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Titolu II – Kapitolu I – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I AWTORIZZAZZJONI ***TAL-OPERATURI*** SPAZJALI TAL-UNJONI | I AWTORIZZAZZJONI ***TAL-ATTIVITAJIET SPAZJALI MILL-OPERATURI*** SPAZJALI TAL-UNJONI |

Or. en

**Emenda 1446**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Titolu II – Kapitolu I – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I AWTORIZZAZZJONI ***TAL-OPERATURI*** SPAZJALI TAL-UNJONI | I AWTORIZZAZZJONI ***TAS-SUQ INTERN TAL-ATTIVITAJIET*** SPAZJALI TAL-UNJONI |

Or. en

**Emenda 1447**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Titolu II – Kapitolu I – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I AWTORIZZAZZJONI ***TAL-OPERATURI*** SPAZJALI ***TAL-UNJONI*** | I AWTORIZZAZZJONI ***TAS-SUQ TAL-ATTIVITAJIET*** SPAZJALI |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tirrifletti l-bidla fundamentali minn sistema tal-awtorizzazzjoni nazzjonali bbażata fuq Stat Membru għal awtorizzazzjoni waħda ta' aċċess għas-suq madwar l-UE kollha li hija valida madwar l-UE.*

**Emenda 1448**
**Marina Mesure**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni ma għandhomx jipprovdu servizzi spazjali sakemm ma jkunux kisbu awtorizzazzjoni fi Stat Membru biex iwettqu attivitajiet fl-ispazju li juru konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli, skont il-kategorija tal-operatur spazjali kkonċernat. | 1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni ma għandhomx jipprovdu servizzi spazjali sakemm ma jkunux kisbu awtorizzazzjoni fi Stat Membru biex iwettqu attivitajiet fl-ispazju ***għal dawn is-servizzi spazjali*** li juru konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli, skont il-kategorija tal-operatur spazjali kkonċernat.<br>***Ma tista' tinħareġ l-ebda awtorizzazzjoni għall-attivitajiet rilevanti għat-turiżmu spazjali. Bħala tali, ma tistax tinħareġ awtorizzazzjoni għal kwalunkwe attività mmirata lejn it-trasport, l-akkomodazzjoni jew il-parteċipazzjoni ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' rikreazzjoni fl-ispazju ekstratmosferiku.*** |

Or. fr

**Emenda 1449**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***L-operaturi*** spazjali tal-Unjoni ***ma għandhomx jipprovdu servizzi*** spazjali ***sakemm ma jkunux kisbu*** awtorizzazzjoni ***fi Stat Membru biex iwettqu attivitajiet fl-ispazju li juru*** konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli, skont il-kategorija tal-operatur spazjali kkonċernat. | 1. ***Operatur*** spazjali tal-Unjoni ***jista' jipprovdi servizz*** spazjali ***biss fl-Unjoni fejn ikollu*** awtorizzazzjoni ***valida tal-EUSA maħruġa mill-Aġenzija f'konformità ma' dan il-Kapitolu, li turi*** konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli, skont il-kategorija tal-operatur spazjali kkonċernat***, u li l-operatur*** |

***jipprovdi l-garanziji meħtieġa ta' affidabbiltà, kompetenza professjonali u kapaċità finanzjarja għat-tmexxija sikura u kontinwa tal-attività spazjali rilevanti***.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bidla minn 27 awtorità nazzjonali kompetenti għal Aġenzija waħda li toħroġ "awtorizzazzjoni tal-EUSA" li tkun valida madwar l-Unjoni hija s-simplifikazzjoni ċentrali tal-pakkett. Skont it-test tal-Kummissjoni, operatur li jkun attiv f'diversi Stati Membri kien jirrikjedi diversi awtorizzazzjonijiet nazzjonali. L-EUSA tissostitwixxi lil dawn kollha bi proċedura waħda, valutazzjoni teknika waħda u ċertifikat wieħed ta' konformità. Dan huwa s-suq uniku għall-ispazju li l-industrija kienet qed titlob.*

**Emenda 1450**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***L-operaturi*** spazjali tal-Unjoni ***ma għandhomx jipprovdu servizzi*** spazjali ***sakemm ma jkunux kisbu*** awtorizzazzjoni ***fi Stat Membru biex iwettqu attivitajiet*** fl-ispazju ***li juru konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli, skont il-kategorija tal-operatur spazjali kkonċernat***. | 1. ***Operatur*** spazjali tal-Unjoni ***jista' jipprovdi servizz*** spazjali ***biss fl-Unjoni meta jkollu*** awtorizzazzjoni ***valida maħruġa mill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru li fih l-applikant għandu l-post ewlieni ta' stabbiliment biex iwettaq l-attivitajiet*** fl-ispazju ***meħtieġa għal dak is-servizz***. ***Għall-assi tal-Unjoni, l-awtorità kompetenti li toħroġ l-awtorizzazzjoni għandha tkun il-Kummissjoni. Għandu jkun hemm awtorizzazzjoni waħda biss meħtieġa għal kull attività***. |

Or. en

**Emenda 1451**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni ***ma għandhomx*** jipprovdu servizzi spazjali ***sakemm ma jkunux kisbu awtorizzazzjoni fi Stat Membru*** biex iwettqu attivitajiet fl-ispazju li ***juru konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli, skont il-kategorija tal-operatur spazjali kkonċernat***. | 1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni ***għandhom*** jipprovdu servizzi spazjali ***biss taħt awtorizzazzjoni valida*** biex iwettqu attivitajiet fl-ispazju li ***tkun maħruġa minn awtorità kompetenti kif speċifikat fl-Artikolu 7***. |

Or. en

**Emenda 1452**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-operaturi spazjali ***tal-Unjoni*** ma għandhomx jipprovdu servizzi spazjali sakemm ma jkunux kisbu awtorizzazzjoni fi Stat Membru biex iwettqu attivitajiet fl-ispazju li juru konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V***,*** ***kif applikabbli,*** skont il-kategorija tal-operatur spazjali kkonċernat. | 1. L-operaturi spazjali ma għandhomx jipprovdu servizzi spazjali ***fl-Unjoni*** sakemm ma jkunux kisbu awtorizzazzjoni fi Stat Membru biex iwettqu attivitajiet fl-ispazju li juru konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V skont il-kategorija tal-operatur spazjali kkonċernat. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din hija emenda orizzontali, li għandha tiġi applikata fejn ikun rilevanti, li tissostitwixxi lill-operaturi spazjali tal-Unjoni bl-operaturi spazjali b'mod ġenerali, f'konformità mal-prinċipju ta' applikazzjoni ugwali tal-att għal dawk li joperaw fl-UE.*

**Emenda 1453**

**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-awtorizzazzjoni għandha tinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-applikant huwa beħsiebu jopera jew rispettivament, jillanċja.*** |

Or. en

**Emenda 1454**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-awtorizzazzjonijiet maħruġa minn Stat Membru ieħor fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V. | 2. ***Meta aktar minn Stat Membru wieħed jeżerċita ġuriżdizzjoni fuq attività spazjali,*** Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-awtorizzazzjonijiet maħruġa minn Stat Membru ieħor fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V. |

Or. en

**Emenda 1455**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-awtorizzazzjonijiet maħruġa minn Stat Membru ieħor fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V***. | 2. ***L-awtorizzazzjoni tal-EUSA għandha tkun valida madwar l-Unjoni. L-Istati Membri ma għandhomx jirrikjedu li l-operaturi spazjali tal-Unjoni jiksbu xi awtorizzazzjoni addizzjonali jew juru konformità mar-rekwiżiti lil hinn minn** |

***dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament***.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-awtorizzazzjoni tal-EUSA hija valida madwar l-Unjoni mingħajr ebda rekwiżit nazzjonali addizzjonali.*

**Emenda 1456**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-awtorizzazzjonijiet maħruġa minn Stat Membru ieħor ***fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V***. | 2. Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-awtorizzazzjonijiet maħruġa minn Stat Membru ieħor***. L-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri għandhom jiżguraw koordinazzjoni biex jiffaċilitaw il-proċessi ta' awtorizzazzjoni rispettivi tagħhom***. |

Or. en

**Emenda 1457**
**Angelika Niebler, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-awtorizzazzjonijiet maħruġa minn Stat Membru ieħor fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V. | 2. Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-awtorizzazzjonijiet maħruġa minn Stat Membru ieħor ***jew mill-Kummissjoni*** fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V. |

Or. en

**Emenda 1458**
**Marina Mesure**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Dan ir-Regolament ma jipprekludix lill-Istati Membri milli jistabbilixxu, fl-eżerċitar tal-kompetenzi nazzjonali tagħhom kif definiti fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1, skemi ta' awtorizzazzjoni addizzjonali applikabbli għall-attivitajiet spazjali rilevanti għall-ġuriżdizzjoni tagħhom. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu b'mod partikolari jipprevedu li dawn l-iskemi supplimentari jinkludu rekwiżiti aktar stretti minn dawk stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fis-sigurtà, ir-reżiljenza tas-sistemi u l-infrastrutturi spazjali, kif ukoll il-protezzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali. Dawn ir-rekwiżiti jistgħu jinkludu, kif applikabbli, obbligi msaħħa fil-valutazzjoni tar-riskju, il-prevenzjoni ta' kolliżjonijiet, il-ġestjoni tar-residwi spazjali jew saħansitra l-limitazzjoni tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet ikkonċernati.*** |

Or. fr

**Emenda 1459**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għandha tinħareġ awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-applikant ikun stabbilit u, kif applikabbli, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dak l-applikant ikun beħsiebu jopera jew, rispettivament,*** | ***imħassar*** |

***jillanċja, jekk dan ikun differenti mill-Istat Membru tal-istabbiliment.***

Or. en

**Emenda 1460**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għandha tinħareġ awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-applikant ***ikun stabbilit u, kif applikabbli, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dak l-applikant ikun beħsiebu jopera jew, rispettivament, jillanċja, jekk dan ikun differenti mill-Istat Membru*** tal-istabbiliment. | Għandha tinħareġ awtorizzazzjoni ***mill-awtoritajiet ta' awtorizzazzjoni li ġejjin:*** |
| | ***(a)*** mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-applikant ***ikollu l-post ewlieni*** tal-istabbiliment***;*** |
| | ***(b) mill-Kummissjoni għall-assi tal-Unjoni***. |
| | ***Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "awtoritajiet awtorizzanti" tfisser l-entitajiet li l-awtorizzazzjoni tagħhom hija meħtieġa, skont l-ewwel subparagrafu, fir-rigward ta' attività spazjali partikolari.*** |

Or. en

**Emenda 1461**
**Massimiliano Salini**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għandha tinħareġ awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-applikant ikun stabbilit ***u, kif applikabbli, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dak l-applikant ikun beħsiebu jopera jew, rispettivament, jillanċja, jekk dan ikun differenti mill-Istat Membru tal-istabbiliment***. | Għandha tinħareġ awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-applikant ikun stabbilit. |

Or. en

**Emenda 1462**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għandha tinħareġ awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-applikant ikun stabbilit u, kif applikabbli, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dak l-applikant ikun beħsiebu jopera jew, rispettivament, jillanċja, jekk dan ikun differenti mill-Istat Membru tal-istabbiliment***. | ***L-Aġenzija għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni tal-EUSA abbażi tal-opinjoni teknika maħruġa mill-korp tekniku kwalifikat maħtur skont l-Artikolu 8***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Aġenzija toħroġ l-awtorizzazzjoni tal-EUSA, li taġixxi fuq l-opinjoni teknika tal-korp tekniku kwalifikat (l-ESA skont l-Artikolu 8) Dan joħloq proċess f'żewġ stadji b'diviżjoni definita ta' responsabbiltà bejn l-għarfien espert tekniku u t-teħid ta' deċiżjonijiet legali. Awtorità tal-ħruġ waħda għall-Unjoni kollha telimina l-inkonsistenza u d-dewmien ta' 27 proċedura nazzjonali separata.*

**Emenda 1463**
**Sarah Knafo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għandha tinħareġ awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-applikant ikun stabbilit ***u, kif applikabbli***, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dak l-applikant ikun beħsiebu jopera jew, rispettivament, jillanċja***, jekk dan ikun differenti mill-Istat Membru tal-istabbiliment***. | Għandha tinħareġ awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-applikant ikun stabbilit ***jew, fuq l-għażla tal-applikant***, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dak l-applikant ikun beħsiebu jopera jew, rispettivament, jillanċja***. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jikkoordinaw biex jevitaw duplikazzjoni tar-rekwiżiti***. |

Or. en

**Emenda 1464**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għandha tinħareġ*** awtorizzazzjoni ***mill-awtorità*** kompetenti tal-Istat Membru li fih l-applikant ikun stabbilit ***u, kif applikabbli, mill-awtorità*** kompetenti tal-Istat Membru fejn dak l-applikant ikun beħsiebu jopera jew, rispettivament, jillanċja, jekk dan ikun differenti mill-Istat Membru tal-istabbiliment. | ***L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jitolbu*** awtorizzazzjoni ***lill-awtorità*** kompetenti tal-Istat Membru li fih l-applikant ikun stabbilit ***jew lill-awtorità*** kompetenti tal-Istat Membru fejn dak l-applikant ikun beħsiebu jopera jew, rispettivament, jillanċja, jekk dan ikun differenti mill-Istat Membru tal-istabbiliment. |

Or. en

**Emenda 1465**
**Sarah Knafo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta jissottomettu applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-operaturi spazjali tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Unjoni għandhom jiddokumentaw jekk is-servizzi tal-illanċjar tal-Unjoni ġewx ikkunsidrati għall-missjoni ppjanata. Meta jintgħażel servizz tal-illanċjar ta' pajjiż terz, l-operatur għandu jipprovdi ġustifikazzjoni qasira tar-raġunijiet għaliex ma ntużax servizz tal-illanċjar tal-Unjoni lill-awtorità kompetenti.*** |

Or. en

**Emenda 1466**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni biex jiffaċilitaw il-proċessi tal-awtorizzazzjoni rispettivi tagħhom.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1467**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni biex jiffaċilitaw il-proċessi tal-awtorizzazzjoni rispettivi tagħhom. | L-awtoritajiet ***nazzjonali*** kompetenti ta' dawk l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni biex jiffaċilitaw il-proċessi tal-awtorizzazzjoni rispettivi tagħhom. ***Għal dan l-għan, dawn l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw proċess għal rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjoni.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda għat-tibdil ta' "awtoritajiet kompetenti" għal "awtorità nazzjonali kompetenti" għandha tkun ripetittiva u għandha tapplika għat-test kollu.*

**Emenda 1468**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-awtoritajiet kompetenti ta' dawk*** l-Istati Membri għandhom ***jiżguraw il-koordinazzjoni biex jiffaċilitaw il-proċessi tal-awtorizzazzjoni rispettivi tagħhom.*** | L-Istati Membri ***jistgħu jidħlu fi ftehimiet sabiex jallokaw ir-responsabbiltajiet ta' awtorizzazzjoni u superviżjoni marbuta ma' attività spazjali. Tali ftehimiet*** għandhom ***jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni.*** |

Or. en

**Emenda 1469**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Għall-finijiet tal-għoti ta' awtorizzazzjoni, awtorità kompetenti għandha tqis l-opinjoni maħruġa mill-korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju ***fil-kuntest tal-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa*** f'konformità mal-Artikolu 8. | 4. Għall-finijiet tal-għoti ta' awtorizzazzjoni, awtorità kompetenti għandha tqis l-opinjoni maħruġa mill-korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju f'konformità mal-Artikolu 8. |

Or. en

**Emenda 1470**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Għall-finijiet tal-għoti ta' awtorizzazzjoni, ***awtorità kompetenti*** għandha tqis l-opinjoni maħruġa mill-korp tekniku kwalifikat ***għall-attivitajiet fl-ispazju*** fil-kuntest tal-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa f'konformità ***mal-Artikolu 8***. | 4. Għall-finijiet tal-għoti ta' awtorizzazzjoni ***tal-EUSA***, ***l-Aġenzija*** għandha tqis l-opinjoni maħruġa mill-korp tekniku kwalifikat ***maħtur skont l-Artikolu 8*** fil-kuntest tal-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa f'konformità ***ma' dan l-Artikolu***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Konsegwenzjali: l-Aġenzija tieħu d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni abbażi tal-opinjoni tal-korp tekniku kwalifikat. Id-dispożizzjoni tiżgura li d-deċiżjoni tal-Aġenzija ma tistax tiddevja minn dik l-opinjoni mingħajr ġustifikazzjoni raġunata espliċita.*

**Emenda 1471**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkun beħsiebhom jirrikorru għas-servizzi spazjali pprovduti minn operatur spazjali ta' pajjiż terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, fl-applikazzjoni tagħhom għall-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni fl-URSO ta' dak l-operatur spazjali ta' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 17 jew mal-*** | ***imħassar*** |

***Artikolu 18, rispettivament.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-obbligu għal operatur tal-Unjoni li jinnotifika u jinvolvi b'mod separat lill-awtorità nazzjonali kompetenti dwar l-użu ta' servizzi spazjali ta' pajjiż terz huwa żejjed skont is-sistema tal-EUSA: l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni lill-Aġenzija diġà tkopri l-arkitettura sħiħa tal-missjoni, inkluż l-użu ta' servizzi ta' parti terza.*

**Emenda 1472**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-operaturi spazjali tal-Unjoni ***li jkun beħsiebhom jirrikorru għas-servizzi*** spazjali pprovduti minn operatur spazjali ta' pajjiż terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali ***għandhom juru lill-awtoritajiet*** kompetenti ***rilevanti, fl-applikazzjoni tagħhom għall-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni fl-URSO ta' dak*** l-operatur ***spazjali*** ta' pajjiż terz ***jew organizzazzjoni internazzjonali***, f'konformità mal-Artikolu 17 ***jew mal-Artikolu 18, rispettivament***. | ***Meta*** l-operaturi spazjali tal-Unjoni ***jitolbu awtorizzazzjoni li tinkludi servizzi*** spazjali pprovduti minn operatur spazjali ta' pajjiż terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali***, l-awtorità*** kompetenti ***għandha tiċċekkja li*** l-operatur ta' pajjiż terz ***huwa rreġistrat fl-URSO***, f'konformità mal-Artikolu 17. |

Or. en

**Emenda 1473**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkun beħsiebhom jirrikorru għas-servizzi spazjali pprovduti minn operatur spazjali | L-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkun beħsiebhom jirrikorru għas-servizzi spazjali pprovduti minn operatur spazjali |

| | |
|---|---|
| ta’ pajjiż terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali għandhom ***juru*** lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, fl-applikazzjoni tagħhom għall-awtorizzazzjoni, ***ir-reġistrazzjoni fl-URSO ta’*** dak l-operatur spazjali ta’ pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, f’konformità mal-Artikolu 17 jew mal-Artikolu 18, rispettivament. | ta’ pajjiż terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali għandhom ***jinformaw*** lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, fl-applikazzjoni tagħhom għall-awtorizzazzjoni, ***dwar l-istatus tar-reġistrazzjoni fl-attivitajiet tal-URSA mwettqa minn*** dak l-operatur spazjali ta’ pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, f’konformità mal-Artikolu 17 jew mal-Artikolu 18, rispettivament. |

Or. en

**Emenda 1474**
**Marina Mesure**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkun beħsiebhom jirrikorru għas-servizzi spazjali pprovduti minn operatur spazjali ta’ pajjiż terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, fl-applikazzjoni tagħhom għall-awtorizzazzjoni, ***ir-reġistrazzjoni*** fl-URSO ta’ dak l-operatur spazjali ta’ pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, f’konformità mal-Artikolu 17 jew mal-Artikolu 18, rispettivament. | L-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkun beħsiebhom jirrikorru għas-servizzi spazjali pprovduti minn operatur spazjali ta’ pajjiż terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, fl-applikazzjoni tagħhom għall-awtorizzazzjoni, ***prova tal-validità tar-reġistrazzjoni*** fl-URSO ta’ dak l-operatur spazjali ta’ pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, f’konformità mal-Artikolu 17 jew mal-Artikolu 18, rispettivament. |

Or. fr

**Emenda 1475**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkun beħsiebhom jirrikorru għas-servizzi spazjali pprovduti minn operatur spazjali ta' pajjiż terz ***jew minn organizzazzjoni internazzjonali*** għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, fl-applikazzjoni tagħhom għall-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni fl-URSO ta' dak l-operatur spazjali ta' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 17 jew mal-Artikolu 18, rispettivament. | L-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkun beħsiebhom jirrikorru għas-servizzi spazjali pprovduti minn operatur spazjali ta' pajjiż terz għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, fl-applikazzjoni tagħhom għall-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni fl-URSO ta' dak l-operatur spazjali ta' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 17 jew mal-Artikolu 18, rispettivament. |

Or. en

**Emenda 1476**
**Marina Mesure**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta l-proċedura tar-reġistrazzjoni fl-URSO tkun għadha ma tlestietx, l-operatur spazjali tal-Unjoni għandu jikkoordina mill-qrib mal-operatur spazjali ta' pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali, mal-awtorità kompetenti rilevanti u mal-Aġenzija, inkluż billi jitlob aġġornamenti dwar l-istatus tal-proċess tar-reġistrazzjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 1477**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta l-proċedura tar-reġistrazzjoni fl-URSO tkun għadha ma tlestietx, l-operatur spazjali tal-Unjoni għandu jikkoordina mill-qrib mal-operatur spazjali ta' pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali, mal-awtorità kompetenti rilevanti u mal-Aġenzija, inkluż billi jitlob aġġornamenti dwar l-istatus tal-proċess tar-reġistrazzjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tħassir konsegwenzjali: il-proċedura ta' koordinazzjoni tal-awtorità nazzjonali għall-istatus tal-URSA ta' operatur spazjali ta' pajjiż terz hija inkluża fil-proċess ċentralizzat ġestit mill-Aġenzija.*

**Emenda 1478**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta l-proċedura tar-reġistrazzjoni fl-URSO tkun għadha ma tlestietx, l-operatur spazjali tal-Unjoni għandu jikkoordina mill-qrib mal-operatur spazjali ta' pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali, mal-awtorità kompetenti rilevanti u mal-Aġenzija, inkluż billi jitlob aġġornamenti dwar l-istatus tal-proċess tar-reġistrazzjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1479**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-proċedura tar-reġistrazzjoni ***fl-URSO*** tkun għadha ma tlestietx, l-operatur spazjali tal-Unjoni għandu jikkoordina mill-qrib mal-operatur spazjali ta' pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali, mal-awtorità kompetenti rilevanti u mal-Aġenzija, inkluż billi jitlob aġġornamenti dwar l-istatus tal-proċess tar-reġistrazzjoni. | Meta l-proċedura tar-reġistrazzjoni ***fl-URSA*** tkun għadha ma tlestietx, l-operatur spazjali tal-Unjoni għandu jikkoordina mill-qrib mal-operatur spazjali ta' pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali, mal-awtorità kompetenti rilevanti u mal-Aġenzija, inkluż billi jitlob aġġornamenti dwar l-istatus tal-proċess tar-reġistrazzjoni. |

Or. en

**Emenda 1480**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-proċedura tar-reġistrazzjoni fl-URSO tkun għadha ma tlestietx, l-operatur spazjali tal-Unjoni għandu jikkoordina mill-qrib mal-operatur spazjali ta' pajjiż terz ***jew l-organizzazzjoni internazzjonali***, mal-awtorità kompetenti rilevanti u mal-Aġenzija, inkluż billi jitlob aġġornamenti dwar l-istatus tal-proċess tar-reġistrazzjoni. | Meta l-proċedura tar-reġistrazzjoni fl-URSO tkun għadha ma tlestietx, l-operatur spazjali tal-Unjoni għandu jikkoordina mill-qrib mal-operatur spazjali ta' pajjiż terz, mal-awtorità kompetenti rilevanti u mal-Aġenzija, inkluż billi jitlob aġġornamenti dwar l-istatus tal-proċess tar-reġistrazzjoni. |

Or. en

**Emenda 1481**
**Marina Mesure**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Aġenzija għandha tipprovdi dawn l-aġġornamenti minnufih biex jiġi evitat id-dewmien bla bżonn fil-proċess tal-awtorizzazzjoni tal-operatur spazjali tal-Unjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 1482**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Aġenzija għandha tipprovdi dawn l-aġġornamenti minnufih biex jiġi evitat id-dewmien bla bżonn fil-proċess tal-awtorizzazzjoni tal-operatur spazjali tal-Unjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tħassir konsegwenzjali: l-obbligu ta' aġġornament mill-Aġenzija biex jiġi evitat dewmien fl-awtorizzazzjoni nazzjonali huwa sostitwit mill-proċess integrat tal-EUSA ta' tieqa unika.*

**Emenda 1483**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 3**
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Aġenzija għandha tipprovdi dawn l-aġġornamenti minnufih biex jiġi evitat id-dewmien bla bżonn fil-proċess tal-*** | ***imħassar*** |

***awtorizzazzjoni tal-operatur spazjali tal-Unjoni.***

Or. en

**Emenda 1484**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Aġenzija għandha tipprovdi dawn l-aġġornamenti minnufih ***biex jiġi evitat id-dewmien bla bżonn*** fil-proċess tal-awtorizzazzjoni tal-operatur spazjali tal-Unjoni. | L-Aġenzija għandha tipprovdi dawn l-aġġornamenti minnufih fil-proċess tal-awtorizzazzjoni tal-operatur spazjali tal-Unjoni. |

Or. en

**Emenda 1485**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Meta tinqala' l-ħtieġa ta' forniment ta' servizzi spazjali minn operatur spazjali ta' pajjiż terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali wara l-ħruġ ta' awtorizzazzjoni, bħal fil-każ tal-ISOS, operatur spazjali tal-Unjoni għandu, mingħajr dewmien, jinforma lill-awtorità kompetenti b'dan, u jipprovdilha l-prova tar-reġistrazzjoni fl-URSO ta' dak l-operatur spazjali ta' pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1486**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Meta tinqala' l-ħtieġa ta' forniment ta' servizzi spazjali minn operatur spazjali ta' pajjiż terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali wara l-ħruġ ta' awtorizzazzjoni, bħal fil-każ tal-ISOS, operatur spazjali tal-Unjoni għandu, mingħajr dewmien, jinforma lill-awtorità kompetenti b'dan, u jipprovdilha l-prova tar-reġistrazzjoni ***fl-URSO ta'*** dak l-operatur spazjali ta' pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali. | 6. Meta tinqala' l-ħtieġa ta' forniment ta' servizzi spazjali minn operatur spazjali ta' pajjiż terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali wara l-ħruġ ta' awtorizzazzjoni, bħal fil-każ tal-ISOS, operatur spazjali tal-Unjoni għandu, mingħajr dewmien, jinforma lill-awtorità kompetenti b'dan, u jipprovdilha l-prova tar-reġistrazzjoni ***fl-URSA tal-attivitajiet imwettqa minn*** dak l-operatur spazjali ta' pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali. |

Or. en

**Emenda 1487**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Meta tinqala' l-ħtieġa ta' forniment ta' servizzi spazjali minn operatur spazjali ta' pajjiż terz ***jew minn organizzazzjoni internazzjonali*** wara l-ħruġ ta' awtorizzazzjoni, bħal fil-każ tal-ISOS, operatur spazjali tal-Unjoni għandu, mingħajr dewmien, jinforma lill-awtorità kompetenti b'dan, u jipprovdilha l-prova tar-reġistrazzjoni fl-URSO ta' dak l-operatur spazjali ta' pajjiż terz ***jew l-organizzazzjoni internazzjonali***. | 6. Meta tinqala' l-ħtieġa ta' forniment ta' servizzi spazjali minn operatur spazjali ta' pajjiż terz wara l-ħruġ ta' awtorizzazzjoni, bħal fil-każ tal-ISOS, operatur spazjali tal-Unjoni għandu, mingħajr dewmien, jinforma lill-awtorità kompetenti b'dan, u jipprovdilha l-prova tar-reġistrazzjoni fl-URSO ta' dak l-operatur spazjali ta' pajjiż terz. |

Or. en

**Emenda 1488**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Meta ***tinqala' l-ħtieġa ta' forniment ta'*** servizzi spazjali ***minn*** operatur spazjali ***ta'*** pajjiż terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali ***wara l-ħruġ ta' awtorizzazzjoni, bħal fil-każ tal-ISOS, operatur spazjali tal-Unjoni għandu, mingħajr dewmien, jinforma lill-awtorità kompetenti b'dan, u jipprovdilha l-prova tar-reġistrazzjoni fl-URSO*** ta' dak l-operatur ***spazjali ta' pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali***. | 6. Meta ***attività spazjali tkun ġiet awtorizzata u din l-attività sussegwentement tirrikjedi l-użu ta'*** servizzi spazjali ***tal-ISOS ipprovduti minn*** operatur spazjali ***minn*** pajjiż terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali***, il-forniment tal-ISOS jista' jsir biss ladarba l-Aġenzija tkun aġġornat l-awtorizzazzjoni tal-EUSA biex tinkludi ċ-ċertifikat elettroniku*** ta' dak l-operatur***, irreġistrat fl-URSA skont l-Artikolu 17 jew l-Artikolu 18***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Simplifikazzjoni tal-proċedura ta' wara l-awtorizzazzjoni għall-inkorporazzjoni tas-servizzi tal-ISOS: minflok l-attivazzjoni ta' notifika nazzjonali ġdida, l-operatur jaġġorna lill-Aġenzija.*

**Emenda 1489**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 6a*** |
| | ***Awtorizzazzjoni ta' trasferiment jew assunzjoni ta' kontroll*** |
| | ***1. Kwalunkwe trasferiment lil parti terza ta' kontroll fuq oġġett spazjali jew lil grupp koordinat ta' oġġetti spazjali li ġie awtorizzat skont dan ir-Regolament għandu jkun soġġett għall-awtorizzazzjoni*** |

***minn qabel mill-Aġenzija.***

***2. Kwalunkwe operatur ta' inġenju spazjali li beħsiebu jassumi l-kontroll ta' oġġett spazjali jew grupp koordinat ta' oġġetti spazjali li qabel ma kienx awtorizzat skont dan ir-Regolament għandu jikseb l-awtorizzazzjoni minn qabel għal dak l-għan.***

***3. L-Aġenzija għandha tagħti l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 biss wara li tivverifika li l-operatur il-ġdid jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, inklużi dawk relatati mas-sikurezza, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà ambjentali, il-kapaċità finanzjarja u l-kopertura tar-responsabbiltà.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Trasferiment tal-kontroll jibdel l-entità responsabbli għall-konformità, is-sikurezza operazzjonali u l-kopertura tar-responsabbiltà. Għaldaqstant, irid jibqa' soġġett għal skrutinju regolatorju minn qabel. Din l-emenda tagħlaq lakuna ċara fis-sorveljanza u tiżgura l-kontinwità tar-responsabbiltà.*

**Emenda 1490**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Proċess tal-awtorizzazzjoni*** | ***Fajl tekniku*** |

Or. en

**Emenda 1491**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Applikant għandu japplika għal awtorizzazzjoni mal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu ***6(3)***. | 1. Applikant għandu japplika għal awtorizzazzjoni mal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu ***6(1a)***. |

Or. en

**Emenda 1492**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Applikant għandu japplika għal awtorizzazzjoni mal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu ***6(3)***. | 1. Applikant għandu japplika għal awtorizzazzjoni mal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu ***6(1)***. |

Or. en

**Emenda 1493**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Applikant ***għandu japplika*** għal awtorizzazzjoni ***mal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 6(3)***. | 1. Applikant għal awtorizzazzjoni ***tal-EUSA għandu jissottometti l-applikazzjoni tiegħu lill-Aġenzija***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-applikazzjonijiet huma sottomessi lill-Aġenzija, mhux lil awtorità nazzjonali kompetenti. Applikazzjoni waħda, awtorità waħda — is-simplifikazzjoni fundamentali tal-arkitettura tat-Titolu II. L-operaturi li jimmaniġġjaw missjonijiet transfruntiera ma jibqax ikollhom bżonn jidentifikaw u jikkoordinaw ma' diversi punti ta' kuntatt nazzjonali.*

**Emenda 1494**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddefinixxi proċess uniku ta' awtorizzazzjoni bbażat fuq valutazzjoni tal-profil tar-riskju. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri, valutazzjoni bbażata fuq informazzjoni teknika speċifika u kategoriji speċifiċi tar-riskju. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).*** |

Or. en

**Emenda 1495**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-applikazzjoni ***għall-awtorizzazzjoni*** għandha tinkludi fajl tekniku bid-dokumentazzjoni kollha meħtieġa u bl-evidenza ta' sostenn li turi l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli. | 2. L-applikazzjoni ***għal awtorizzazzjoni tal-EUSA*** għandha tinkludi fajl tekniku bid-dokumentazzjoni kollha meħtieġa u bl-evidenza ta' sostenn li turi l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli***, u b'mod partikolari:*** |
| | ***(a) għall-operaturi tal-illanċjar, ir-rekwiżiti tat-Titolu IV, il-Kapitolu I, it-Taqsima 1, u t-Titolu IV, il-Kapitoli II sa V;*** |

***(b) għall-operaturi tal-inġenji spazjali, ir-rekwiżiti tat-Titolu IV, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, u t-Titolu IV, il-Kapitoli II sa V, u d-durata tal-missjoni;***

***(c) għall-kostellazzjonijiet, id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità mal-Artikolu 9(1);***

***(d) meta operatur spazjali minn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali jkun involut fl-attività spazjali, l-informazzjoni dwar l-istatus tar-reġistrazzjoni fl-URSA, jew il-pjanijiet għaliha skont l-Artikolu 17 jew l-Artikolu 18***.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-fajl tekniku huwa sottomess lill-Aġenzija. L-ambitu tal-fajl huwa mwessa' biex ikopri r-rekwiżiti kollha tar-Regolament, mhux biss it-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, u jkun konsistenti mal-awtorizzazzjoni unika li tkopri l-konformità sħiħa tal-operatur fit-titoli kollha.*

**Emenda 1496**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha tinkludi fajl tekniku bid-dokumentazzjoni kollha meħtieġa u bl-evidenza ta' sostenn li turi l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli. | 2. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha tinkludi fajl tekniku bid-dokumentazzjoni kollha meħtieġa u bl-evidenza ta' sostenn li turi l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli.<br>***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tagħmel mudelli armonizzati disponibbli għall-fajl tekniku. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu*** |

***114(2).***

Or. en

**Emenda 1497**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha tinkludi fajl tekniku ***bid-dokumentazzjoni kollha meħtieġa u bl-evidenza ta' sostenn*** li ***turi*** l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli. | 2. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha tinkludi fajl tekniku li ***juri*** l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli. |

Or. en

**Emenda 1498**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Fl-applikazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni, l-applikant għandu jindika lill-awtorità kompetenti liema huma l-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju li l-applikant ikun beħsiebu juża għall-valutazzjoni teknika tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli***. | 3. ***Fi żmien 15-il jum tax-xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni, l-Aġenzija għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni hijiex kompluta. Meta applikazzjoni ma tkunx kompluta jew tkun tirrikjedi kjarifika, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi skadenza għall-applikant biex jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali. L-iskadenza msemmija fil-paragrafu 5 għandha tiġi sospiża sakemm tasal dik l-informazzjoni. L-Aġenzija għandha tinnotifika lill-applikant ladarba tkun sodisfatta li l-applikazzjoni hija kompluta***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Aġenzija twettaq valutazzjoni tal-kompletezza fi żmien 15-il jum. L-ispeċifikazzjoni tal-perjodu ta' żmien għall-kontroll tal-kompletezza tipprovdi ċertezza legali għall-operaturi: iż-żmien għall-valutazzjoni sostantiva ma jibdiex sakemm tiġi kkonfermata l-kompletezza, u l-operaturi jafu preċiżament meta jridu jistennew deċiżjoni dwar il-kompletezza.*

**Emenda 1499**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Meta tivvaluta l-applikazzjoni, l-Aġenzija, meta l-attività spazjali kkonċernata x'aktarx li, f'avveniment ta' tfixkil, degradazzjoni, riffjut, manipulazzjoni jew telf ta' kontroll effettiv, taffettwa b'mod serju s-sigurtà pubblika, is-sikurezza pubblika, il-protezzjoni ċivili, il-kontinwità governattiva, l-infrastruttura kritika, is-servizzi essenzjali, il-programmi spazjali tal-Unjoni jew ir-reżiljenza tal-ekonomija tal-Unjoni, għandha tivverifika li l-operatur iżomm kontroll effettiv fl-Unjoni fuq il-funzjonijiet essenzjali għat-tmexxija, il-kontinwità, is-sigurtà u l-irkupru ta' dik l-attività.*<br><br>***Il-konformità ma' dan ir-rekwiżit għandha tikkostitwixxi kundizzjoni għall-għoti tal-awtorizzazzjoni.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rieżami tas-sigurtà huwa integrat fil-proċess tal-awtorizzazzjoni: meta attività spazjali tista' taffettwa s-sigurtà pubblika jekk tiġi mfixkla, l-Aġenzija tivverifika l-kontroll effettiv fl-Unjoni bħala parti mill-valutazzjoni standard.*

**Emenda 1500**

**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-proċessi biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jibagħtu l-fajl tekniku lill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju indikati mill-applikant, jew biex l-applikant ikun jista' jindirizza direttament lill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju. | 4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-proċessi biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jibagħtu l-fajl tekniku lill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju indikati mill-applikant, jew biex l-applikant ikun jista' jindirizza direttament lill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju.<br>***Korp tekniku kwalifikat għandu jeżamina l-applikazzjoni u jivvaluta u jinforma jekk l-applikazzjoni hijiex kompluta fi żmien 20 jum tax-xogħol, u fis-sitwazzjoni meta l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, jew fejn tkun meħtieġa kjarifika ulterjuri, il-korp tekniku kwalifikat għandu jistabbilixxi skadenza sa meta l-applikant għandu jipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali.***<br>***Il-korp tekniku kwalifikat rispettiv għandu jinnotifika lill-applikant ladarba jkun sodisfatt li l-applikazzjoni hija kompluta u ċara biżżejjed.*** |

Or. en

**Emenda 1501**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-proċessi biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jibagħtu l-fajl*** tekniku ***lill-korpi tekniċi kwalifikati għall-*** | 4. ***L-Aġenzija għandha tibgħat il-fajl*** tekniku ***komplut lill-korp tekniku kwalifikat maħtur skont l-Artikolu 8 mingħajr dewmien għal valutazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| ***attivitajiet fl-ispazju indikati mill-applikant, jew biex l-applikant ikun jista' jindirizza direttament lill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju***. | ***teknika***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Aġenzija tibgħat il-fajl komplut lill-korp tekniku kwalifikat mingħajr dewmien, u tiżgura li l-valutazzjoni teknika tibda hekk kif tiġi kkonfermata l-kompletezza.*

**Emenda 1502**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Meta l-awtorità awtorizzanti tkun il-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni u tinnotifika lill-applikant dwar l-eżitu tal-valutazzjoni preliminari tagħha. L-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni għandu jkun jista' jissottometti dikjarazzjoni raġunata u jipprovdi spjegazzjoni jew evidenza addizzjonali. L-Aġenzija għandha toħroġ opinjoni raġunata li tipproponi lill-Kummissjoni toħroġ jew tirrifjuta awtorizzazzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 1503**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju għandu jivvaluta l-issodisfar tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli, u fi żmien 6 xhur mid-data tal-wasla tal-fajl tekniku għandu joħroġ opinjoni ***fir-rigward tal-konformità tal-attivitajiet fl-ispazju previsti mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli***. | Korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju għandu jivvaluta l-issodisfar tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli, u fi żmien 6 xhur mid-data tal-wasla tal-fajl tekniku għandu joħroġ opinjoni ***f'dan ir-rigward***. |

Or. en

**Emenda 1504**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju għandu jivvaluta l-issodisfar tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli, u ***fi żmien*** 6 xhur mid-data tal-wasla tal-fajl tekniku għandu joħroġ opinjoni fir-rigward tal-konformità tal-attivitajiet fl-ispazju previsti mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli. | Korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju għandu jivvaluta l-issodisfar tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli, u ***malajr kemm jista' jkun fl-iskadenza stabbilita mill-Istat Membru rilevanti sa mhux aktar tard minn*** 6 xhur mid-data tal-wasla tal-fajl tekniku għandu joħroġ opinjoni fir-rigward tal-konformità tal-attivitajiet fl-ispazju previsti mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli. |

Or. en

**Emenda 1505**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Korp*** tekniku kwalifikat ***għall-attivitajiet*** | ***Il-korp*** tekniku kwalifikat għandu jivvaluta |

***fl-ispazju*** għandu jivvaluta l-issodisfar tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, ***il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli,*** u fi żmien ***6 xhur*** mid-data ***tal-wasla tal-fajl tekniku*** għandu joħroġ opinjoni fir-rigward tal-konformità tal-attivitajiet fl-ispazju previsti ***mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli***.

l-issodisfar tar-rekwiżiti ***applikabbli*** stabbiliti fit-Titolu IV, u fi żmien ***xahrejn*** mid-data ***tan-notifika ta' kompletezza msemmija fil-paragrafu 3*** għandu joħroġ opinjoni ***teknika lill-Aġenzija*** fir-rigward tal-konformità tal-attivitajiet fl-ispazju previsti ***ma' dawk ir-rekwiżiti***.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bidla tal-perjodu ta' żmien tal-valutazzjoni teknika minn 6 xhur għal xahrejn tirrispondi direttament għall-feedback tal-industrija li l-perjodu ta' żmien tal-Kummissjoni ma jistax jiġi implimentat b'mod kummerċjali għaċ-ċikli ta' manifattura u tal-illanċjar tas-satelliti. Il-perjodu ta' żmien ta' xahrejn huwa realistiku għal korp tekniku kwalifikat uniku u ffukat b'għarfien espert dwar l-ispazju u timijiet ta' valutazzjoni dedikati full-time.*

**Emenda 1506**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju għandu jivvaluta l-issodisfar tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli, u ***fi żmien 6*** xhur mid-data tal-wasla tal-fajl tekniku għandu joħroġ opinjoni fir-rigward tal-konformità tal-attivitajiet fl-ispazju previsti mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli. | Korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju għandu jivvaluta l-issodisfar tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli, u ***mhux aktar tard minn 3*** xhur mid-data tal-wasla tal-fajl tekniku għandu joħroġ opinjoni fir-rigward tal-konformità tal-attivitajiet fl-ispazju previsti mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli. |

Or. en

**Emenda 1507**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu bis-sħiħ il-valutazzjoni teknika mwettqa fir-rigward tat-Titolu IV, il-Kapitolu II, mill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju, skont l-Artikolu 8(2), it-tielet subparagrafu.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1508**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtoritajiet kompetenti għandhom ***iqisu bis-sħiħ*** il-valutazzjoni teknika mwettqa fir-rigward tat-Titolu IV, il-Kapitolu II, mill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju, skont l-Artikolu 8(2), it-tielet subparagrafu. | L-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq*** il-valutazzjoni teknika mwettqa fir-rigward tat-Titolu IV, il-Kapitolu II, mill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju, skont l-Artikolu 8(2), it-tielet subparagrafu. |

Or. en

**Emenda 1509**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fi żmien*** 12-il xahar mid-data tal-wasla tal-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni jew | ***Malajr kemm jista' jkun fl-iskadenza stabbilita mill-Istat Membru rilevanti iżda mhux aktar tard minn*** 12-il xahar mid- |

| | |
|---|---|
| tirrifjuta l-applikazzjoni u għandha tinforma b'dan lill-applikant. | data tal-wasla tal-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni jew tirrifjuta l-applikazzjoni u għandha tinforma b'dan lill-applikant. |

Or. en

**Emenda 1510**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fi żmien ***12-il xahar*** mid-data tal-wasla tal-applikazzjoni, ***l-awtorità kompetenti*** għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni jew tirrifjuta l-applikazzjoni u għandha tinforma b'dan lill-applikant. | Fi żmien ***3 xhur*** mid-data tal-wasla tal-applikazzjoni, ***l-Aġenzija*** għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni ***tal-EUSA*** jew tirrifjuta l-applikazzjoni***, filwaqt li tqis l-opinjoni msemmija fil-paragrafu 5,*** u għandha tinforma b'dan lill-applikant. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-tnaqqis tal-perjodu ta' żmien ġenerali tal-awtorizzazzjoni minn 12-il xahar għal 3 xhur jirrifletti l-effiċjenzi tal-mudell ċentralizzat ta' awtorità unika. Aġenzija Waħda, korp tekniku kwalifikat wieħed, proċess koordinat wieħed.*

**Emenda 1511**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fi żmien 12-il xahar mid-data tal-wasla tal-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni jew tirrifjuta l-applikazzjoni u għandha tinforma b'dan lill-applikant. | Fi żmien ***massimu ta'*** 12-il xahar mid-data tal-wasla tal-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni jew tirrifjuta l-applikazzjoni u għandha tinforma b'dan lill-applikant***, filwaqt li tiġġustifika r-*** |

***rifjut***.

Or. en

**Emenda 1512**
**Sarah Knafo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fi żmien 12-il xahar*** mid-data tal-wasla ***tal-applikazzjoni***, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni jew tirrifjuta l-applikazzjoni u għandha tinforma b'dan lill-applikant. | ***Mhux aktar tard minn 6 xhur*** mid-data tal-wasla ***ta' applikazzjoni kompluta***, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni jew tirrifjuta l-applikazzjoni u għandha tinforma b'dan lill-applikant. |

Or. en

**Emenda 1513**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fi żmien 12-il xahar*** mid-data tal-wasla tal-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni jew tirrifjuta l-applikazzjoni u għandha tinforma b'dan lill-applikant. | ***Mhux aktar tard minn 6 xhur*** mid-data tal-wasla tal-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni jew tirrifjuta l-applikazzjoni u għandha tinforma b'dan lill-applikant. |

Or. en

**Emenda 1514**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-iskadenza għandha tiġi sospiża sakemm tingħata l-informazzjoni sħiħa mill-applikant wara talba mingħand l-awtorità kompetenti.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1515**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-iskadenza għandha tiġi sospiża sakemm tingħata l-informazzjoni sħiħa mill-applikant wara talba mingħand l-awtorità kompetenti. | L-iskadenza għandha tiġi sospiża sakemm tingħata l-informazzjoni sħiħa mill-applikant wara talba mingħand l-awtorità kompetenti.<br>***Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ malli tiġi notifikata lill-applikant. Jekk wara 6 xhur wara d-data tar-reġistrazzjoni ma tinħareġ l-ebda deċiżjoni, din għandha titqies li ġiet approvata.*** |

Or. en

**Emenda 1516**
**Michał Szczerba**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-iskadenza*** għandha ***tiġi sospiża sakemm tingħata l-informazzjoni sħiħa mill-applikant wara talba mingħand l-awtorità*** | ***Id-deċiżjoni*** għandha ***tidħol fis-seħħ malli tiġi notifikata lill-applikant. Jekk ma tinħareġ l-ebda deċiżjoni fi żmien 6 xhur*** |

| | |
|---|---|
| ***kompetenti.*** | ***mid-data tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, l-applikant għandu jiġi infurmat mingħajr dewmien bla bżonn bir-raġunijiet għad-dewmien u l-perjodu ta' żmien mistenni għall-ħruġ tad-deċiżjoni;*** |

Or. en

**Emenda 1517**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-korpi tekniċi kwalifikati u l-prijoritajiet kompetenti għandhom jagħtu prijorità, fl-eżerċizzju tal-obbligi rispettivi tagħhom fil-punti 5 u 6, lill-applikazzjonijiet urġenti li għandhom l-għan li jindirizzaw il-ħolqien ta' residwi spazjali potenzjali.*** |

Or. en

**Emenda 1518**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Operatur spazjali tal-Unjoni għandu jirrapporta minnufih kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni tiegħu li tista' tirrikjedi modifika tal-awtorizzazzjoni tiegħu;*** |

Or. en

**Emenda 1519**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-awtorizzazzjonijiet jistgħu jiġu sospiżi jew irtirati f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament;*** |

Or. en

**Emenda 1520**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 6a (ġdid)**
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. F'każ li l-awtorità kompetenti tonqos milli tieħu d-deċiżjoni fi żmien l-iskadenza f'konformità mal-paragrafu 6, l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni titqies li ġiet approvata.*** |

Or. en

**Emenda 1521**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***Għall-finijiet tar-reġistrazzjoni fl-*** | 7. ***Wara l-ħruġ tal-awtorizzazzjoni*** |

***URSO, awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Aġenzija dwar kull operatur*** spazjali tal-Unjoni ***u kull fornitur primarju tas-servizzi spazjali awtorizzati u dwar kull operatur spazjali ta' pajjiż terz li tkun awtorizzat biex jillanċja mit-territorju tagħha***.

***tal-EUSA skont il-paragrafu 6, l-Aġenzija għandha tirreġistra lill-operatur*** spazjali tal-Unjoni ***fl-URSA u għandha toħroġ iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25***.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-reġistrazzjoni fl-URSA ssegwi awtomatikament l-awtorizzazzjoni tal-EUSA. L-Aġenzija tirreġistra lill-operatur u toħroġ iċ-ċertifikat elettroniku bħala stadju integrat ta' wara l-awtorizzazzjoni. Simplifikazzjoni amministrattiva: azzjoni waħda mill-Aġenzija tipproduċi t-tliet strumenti ta' konformità li l-operatur jeħtieġ (awtorizzazzjoni, reġistrazzjoni, ċertifikat).*

**Emenda 1522**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ***fl-URSO***, awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Aġenzija dwar ***kull operatur*** spazjali tal-Unjoni u ***kull fornitur primarju*** tas-servizzi spazjali awtorizzati u dwar ***kull*** operatur spazjali ta' pajjiż terz li tkun awtorizzat biex jillanċja mit-territorju tagħha. | 7. Għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ***fl-URSA***, awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Aġenzija dwar ***l-attivitajiet spazjali kollha mill-operaturi*** spazjali tal-Unjoni u ***l-forniturі primarji*** tas-servizzi spazjali awtorizzati u dwar ***kwalunkwe*** operatur spazjali ta' pajjiż terz li tkun awtorizzat biex jillanċja mit-territorju tagħha. |

Or. en

**Emenda 1523**
**Marina Mesure**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***7a. 8. Wara notifika tal-awtorizzazzjoni, il-fornitur tas-servizzi spazjali jeħtieġlu jinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti jekk:***

***a. għandux intenzjoni li jimmodifika b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni tal-operazzjoni;***

***b. għandux intenzjoni li jeżerċita jew jibbenefika minn attività mhux koperta mill-awtorizzazzjoni;***

***c. hemmx bidla sostanzjali fl-informazzjoni pprovduta fil-fajl ta' applikazzjoni msemmi fil-paragrafu 2.***

Or. fr

**Emenda 1524**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 7a*** |
| | ***Filtru tas-sigurtà u tad-difiża għall-awtorizzazzjoni*** |
| | ***1. Awtorizzazzjoni ma għandhiex tingħata meta:*** |
| | ***(a) l-applikant huwa kkontrollat, direttament jew indirettament, minn persuna fiżika jew ġuridika ta' pajjiż terz li ġiet identifikata li tqajjem tħassib dwar is-sigurtà fir-rigward tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar; jew*** |
| | ***(b) l-operazzjoni spazjali li għaliha tintalab l-awtorizzazzjoni, meta jitqiesu s-sistemi jew it-tagħbijiet maħsuba li jintużaw jew jiġu varati, x'aktarx li tipperikola l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar, jew il-konformità mill-Unjoni jew mill-Istati Membri mal-obbligi*** |

***internazzjonali tagħhom skont it-Trattat dwar il-Prinċipji li Jirregolaw l-Attivitajiet tal-Istati fl-Esplorazzjoni u l-Użu tal-Ispazju Ekstratmosferiku.***

***2. Qabel ma tieħu deċiżjoni abbażi tal-paragrafu 1, l-Aġenzija għandha tikkonsulta mal-awtoritajiet rilevanti tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali. Dik il-konsultazzjoni għandha titlesta fi żmien 60 jum mis-sottomissjoni tal-fajl ta' applikazzjoni komplut. L-Aġenzija tista' testendi dak il-perjodu bi 30 jum ulterjuri meta l-kumplessità tal-valutazzjoni tas-sigurtà tirrikjedi dan.***

***3. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tistabbilixxi linji gwida li jidentifikaw il-kategoriji tal-operazzjonijiet spazjali li jistgħu jkunu soġġetti għall-eżami msemmi fil-paragrafu 1(b), filwaqt li tqis, b'mod partikolari, l-aspetti b'użu doppju tat-tagħbijiet jew tas-sistemi, kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 114(3).***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-filtru tas-sigurtà jikkodifika fil-liġi dak li kull awtorità awtorizzanti responsabbli diġà tagħmel fil-prattika: tivverifika li l-operaturi tal-assi spazjali sensittivi għas-sigurtà mhumiex ikkontrollati minn interessi ta' pajjiż terz li jistgħu jipperikolaw is-sigurtà jew id-difiża tal-UE. Id-dispożizzjoni tapplika meta t-tfixkil jew it-telf ta' kontroll jistgħu jaffettwaw b'mod serju s-sigurtà pubblika, l-infrastruttura kritika jew il-kontinwità governattiva — l-istess kriterji tar-riskju użati fl-iskrinjar tal-investiment barrani tal-UE.*

**Emenda 1525**
**Giorgio Gori, Jens Geier, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 7a*** |
| | ***Estensjoni tal-missjoni*** |
| | ***1. Meta operatur tal-inġenji spazjali jkun jixtieq jestendi missjoni spazjali, dak l-operatur tal-inġenji spazjali għandu jissottometti talba għall-estensjoni tal-missjoni spazjali lill-awtorità kompetenti, mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ippjanat tal-missjoni spazjali kkonċernata.*** |
| | ***2. Malli jirċievu talba sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jestendu d-durata tal-missjoni spazjali mwettqa minn operatur tal-inġenji spazjali tal-Unjoni lil hinn mill-perjodu li għalih tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni inizjali.*** |
| | ***3. L-awtorità kompetenti għandha tapprova t-talba għall-estensjoni tal-missjoni spazjali jekk l-inġenju spazjali xorta jibqa' jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dak li kien l-Artikolu 71.*

**Emenda 1526**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Valutazzjonijiet*** tekniċi | ***Korpi*** tekniċi ***kwalifikati*** |

Or. en

**Emenda 1527**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Valutazzjonijiet tekniċi*** | ***Korp tekniku kwalifikat*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tirrifletti l-bidla minn firxa ta' għażliet ta' valutazzjoni nazzjonali għal korp uniku maħtur: l-Aġenzija Spazjali Ewropea.*

**Emenda 1528**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni unika meta r-riżultati tal-ispezzjonijiet għall-għarrieda jistabbilixxu nonkonformità tas-satellita mar-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni. | 4. L-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni unika meta r-riżultati tal-ispezzjonijiet għall-għarrieda jistabbilixxu nonkonformità tas-satellita mar-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni ***u tista' timponi penali***. |

Or. en

**Emenda 1591**

**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Meta l-ispezzjonijiet għall-għarrieda msemmija fil-paragrafu 3 jidentifikaw aspetti kunfliġġenti mad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, iżda bla ma jammontaw għal nonkonformità, u l-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti, filwaqt li jqisu l-ispjegazzjonijiet tal-operatur spazjali tal-Unjoni, ma jsibu l-ebda riskju maġġuri għall-missjoni spazjali rispettiva, l-awtorità kompetenti tista' timponi penali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1592**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Meta l-ispezzjonijiet għall-għarrieda msemmija fil-paragrafu 3 jidentifikaw aspetti kunfliġġenti mad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, iżda bla ma jammontaw għal nonkonformità, u l-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti, filwaqt li jqisu l-ispjegazzjonijiet tal-operatur spazjali tal-Unjoni, ma jsibu l-ebda riskju maġġuri għall-missjoni spazjali rispettiva, l-awtorità kompetenti tista' timponi penali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1593**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 5**
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Meta l-ispezzjonijiet għall-għarrieda msemmija fil-paragrafu 3 jidentifikaw aspetti kunfliġġenti mad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, iżda bla ma jammontaw għal nonkonformità, u l-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti, filwaqt li jqisu l-ispjegazzjonijiet tal-operatur spazjali tal-Unjoni, ma jsibu l-ebda riskju maġġuri għall-missjoni spazjali rispettiva, l-awtorità kompetenti tista' timponi penali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1594**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Meta l-ispezzjonijiet għall-għarrieda msemmija fil-paragrafu 3 jidentifikaw aspetti kunfliġġenti mad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, iżda bla ma jammontaw għal nonkonformità, u l-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti, filwaqt li jqisu l-ispjegazzjonijiet tal-operatur spazjali tal-Unjoni, ma jsibu l-ebda riskju maġġuri għall-missjoni spazjali rispettiva, l-awtorità kompetenti*** | ***imħassar*** |

***tista' timponi penali.***

Or. en

**Emenda 1595**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet għall-illanċjar tal-kostellazzjonijiet satellitari meta jillanċjaw l-ewwel lott ta' satelliti tal-ġenerazzjoni l-ġdida.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1596**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 6**
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet għall-illanċjar tal-kostellazzjonijiet satellitari meta jillanċjaw l-ewwel lott ta' satelliti tal-ġenerazzjoni l-ġdida.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1597**
**Marina Mesure**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 10*** | ***imħassar*** |
| ***Reġimi ħfief*** | |
| ***1. Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1) għandhom jiġu adattati għall-operaturi spazjali tal-Unjoni msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4, kif previst f'dawn il-paragrafi.*** | |
| ***2. L-operaturi spazjali li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew ral-edukazzjoni jew li jwettqu missjonijiet spazjali tar-riċerka għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tat-Titolu IV, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, kif stabbilit fl-Artikolu 62.*** | |
| ***3. L-entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata għandhom jikkonformaw, fir-rigward tat-Titolu IV, il-Kapitolu II, mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 79(1), l-ewwel subparagrafu, biss fir-rigward tal-assi kritiċi u tal-funzjonijiet kritiċi.*** | |
| ***4. Meta l-operaturi spazjali, li jkunu intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni, iwettqu missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV), dawn għandhom jiġu eżentati fir-rigward tat-Titolu IV, il-Kapitolu III, mill-obbligu msemmi fl-Artikolu 96(2).*** | |

Or. fr

**Emenda 1598**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Reġimi ħfief | Reġimi ħfief ***għas-sikurezza u għas-*** |

***sostenibbiltà ambjentali***

Or. en

**Emenda 1599**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Reġimi ħfief*** | ***Reġim ħafif*** |

Or. en

**Emenda 1600**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1) għandhom jiġu adattati*** għall-operaturi spazjali tal-Unjoni ***msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4, kif previst f'dawn il-paragrafi***. | 1. ***L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, proċessi tal-awtorizzazzjoni simplifikati*** għall-operaturi spazjali tal-Unjoni ***li jkunu intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja, istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni u operaturi spazjali li jwettqu missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV) jew tal-ISOS***. |

Or. en

**Emenda 1601**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1) għandhom jiġu adattati għall-operaturi spazjali tal-Unjoni msemmija fil-paragrafi 2***, 3 u 4***, kif previst f'dawn il-paragrafi. | 1. Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1) għandhom jiġu adattati ***biex joħolqu reġimi*** għall-operaturi spazjali tal-Unjoni msemmija fil-paragrafi 2 ***u 3***, kif previst f'dawn il-paragrafi. |

Or. en

**Emenda 1602**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1) għandhom jiġu adattati għall-operaturi spazjali tal-Unjoni msemmija ***fil-paragrafi 2, 3 u 4, kif previst f'dawn il-paragrafi***. | 1. Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1) għandhom jiġu adattati għall-operaturi spazjali tal-Unjoni msemmija ***fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu***. |

Or. en

**Emenda 1603**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**
Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu proċessi ta' awtorizzazzjoni simplifikati għall-operaturi spazjali tal-*** |

***Unjoni li jkunu intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni, operaturi spazjali li jwettqu missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV) jew tal-ISOS.***

Or. en

**Emenda 1604**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-operaturi spazjali li jkunu istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jew li jkunu intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jew intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja li jwettqu missjonijiet spazjali għandhom jiġu appoġġati mill-Kummissjoni biex jimplimentaw b'suċċess l-obbligi imposti minn dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 1605**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 114(2) u*** |

***għandha tiżviluppa metodoloġija biex tiddetermina l-profil tar-riskju u l-kategoriji speċifiċi ta' attivitajiet spazjali u adattamenti potenzjali li għandhom isiru taħt il-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet b'appoġġ tal-operaturi spazjali li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jew li huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jew intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja li jwettqu missjonijiet spazjali tal-IOD/IOV jew tal-ISOS.***

Or. en

**Emenda 1606**
**Angelika Winzig**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-operaturi spazjali li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew ***ral-edukazzjoni*** jew li jwettqu missjonijiet spazjali tar-riċerka għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tat-Titolu IV, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, kif stabbilit fl-Artikolu 62. | 2. L-operaturi spazjali li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew ***tal-edukazzjoni*** jew li jwettqu missjonijiet spazjali tar-riċerka għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tat-Titolu IV, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, kif stabbilit fl-Artikolu 62 ***jekk dawk l-attivitajiet spazjali jippreżentaw riskju ġenerali baxx għas-sikurezza spazjali, għas-sostenibbiltà u għall-ambjent orbitali minħabba kumplessità tal-missjoni baxxa, daqs satellitari żgħir, u ħajja orbitali qasira***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-reġim ħafif ma għandux ikun ibbażat unikament fuq it-tip ta' operatur iżda wkoll fuq il-profil tar-riskju tal-attività. Hemm riskju li l-impożizzjoni ta' rekwiżiti sproporzjonati fuq tali attivitajiet toħnoq l-innovazzjoni minn isfel għal fuq, u għalhekk huwa meħtieġ approċċ aktar ibbażat fuq ir-riskju.*

**Emenda 1607**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**
Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-operaturi spazjali li huma istituzzjonijiet tar-riċerka ***jew ral-edukazzjoni*** jew li jwettqu missjonijiet spazjali tar-riċerka għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tat-Titolu IV, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, kif stabbilit fl-Artikolu 62. | 2. L-operaturi spazjali li huma istituzzjonijiet tar-riċerka ***u tal-edukazzjoni*** jew li jwettqu missjonijiet spazjali tar-riċerka***, jew entitajiet privati li jwettqu missjonijiet spazjali tar-riċerka jew ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV)*** għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tat-Titolu IV, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, kif stabbilit fl-Artikolu 62. |

Or. en

**Emenda 1608**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-operaturi spazjali li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew ***ral-edukazzjoni jew li*** jwettqu ***missjonijiet*** spazjali tar-riċerka għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tat-Titolu IV, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, kif stabbilit fl-Artikolu 62. | 2. L-operaturi spazjali li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew ***tal-edukazzjoni, meta*** jwettqu ***missjoni*** spazjali tar-riċerka ***jew tal-edukazzjoni,*** għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tat-Titolu IV, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, kif stabbilit fl-Artikolu 62. |

Or. en

**Emenda 1609**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-operaturi spazjali li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew ***ral-edukazzjoni jew*** li jwettqu missjonijiet spazjali tar-riċerka għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ***tat-Titolu IV, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2,*** kif stabbilit fl-Artikolu 62. | 2. L-operaturi spazjali li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew ***tal-edukazzjoni u*** li jwettqu missjonijiet spazjali tar-riċerka għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ***dwar is-sikurezza*** kif stabbilit fl-Artikolu 62. |

Or. en

**Emenda 1610**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-operaturi spazjali li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jistgħu japplikaw il-ġestjoni tar-riskju simplifikata. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu lill-Aġenzija l-lista tal-entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mill-Artikolu 5(28) u l-Artikolu 79(2).*

**Emenda 1611**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Awtorità Kompetenti jew l-Aġenzija, meta xieraq, għandha tivvaluta*** |

***u tapprova l-applikazzjoni ta' reġim ħafif.***

Or. en

**Emenda 1612**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiżviluppa metodoloġija xierqa biex tiddetermina l-applikabbiltà ta' reġim ħafif għall-operaturi spazjali, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2) filwaqt li tiżgura konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, u tqis il-linji gwida internazzjonali, l-aħjar prattiki u l-istandards eżistenti.*** |

Or. en

**Emenda 1613**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2c. L-Aġenzija għandha żżomm reġistru disponibbli pubblikament tal-operaturi spazjali kollha li jikkwalifikaw għal reġim ħafif skont dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 1614**

**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata għandhom jikkonformaw, fir-rigward tat-Titolu IV, il-Kapitolu II, mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 79(1), l-ewwel subparagrafu, biss fir-rigward tal-assi kritiċi u tal-funzjonijiet kritiċi.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1615**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata għandhom jikkonformaw, fir-rigward tat-Titolu IV, il-Kapitolu II, mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 79(1), l-ewwel subparagrafu, biss fir-rigward tal-assi kritiċi u tal-funzjonijiet kritiċi.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1616**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| ***3. L-entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata għandhom jikkonformaw, fir-rigward tat-Titolu IV, il-Kapitolu II, mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 79(1), l-ewwel subparagrafu, biss fir-rigward tal-assi kritiċi u tal-funzjonijiet kritiċi.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1617**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata għandhom ***jikkonformaw, fir-rigward tat-Titolu IV, il-Kapitolu II, mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 79(1), l-ewwel subparagrafu,*** biss fir-rigward tal-assi kritiċi u tal-funzjonijiet kritiċi. | 3. L-entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata għandhom ***japplikaw il-miżuri stabbiliti fil-punt 9, tal-Anness VII*** biss fir-rigward tal-assi kritiċi u tal-funzjonijiet kritiċi***, li huma meħtieġa biex jindirizzaw ir-riskji ta':*** |
| | ***a) telf tal-kontroll tal-assi bil-propulsjoni;*** |
| | ***b) telf tal-kontroll tal-assi bil-kapaċità li jemettu interferenzi suxxettibbli għal impatt negattiv fuq is-sigurtà ta' operazzjonijiet spazjali oħra***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mill-Artikolu 79(1).*

**Emenda 1618**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| ***4. Meta l-operaturi spazjali, li jkunu intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni, iwettqu missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV), dawn għandhom jiġu eżentati fir-rigward tat-Titolu IV, il-Kapitolu III, mill-obbligu msemmi fl-Artikolu 96(2).*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1619**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta l-operaturi spazjali, li jkunu intrapriżi żgħar ***jew*** istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni***, iwettqu*** missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV), dawn għandhom jiġu ***eżentati fir-rigward*** tat-Titolu IV, il-Kapitolu III, ***mill-obbligu msemmi fl-Artikolu*** 96(2). | 4. Meta l-operaturi spazjali, li jkunu intrapriżi żgħar ***u ta' daqs medju, intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja,*** istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni ***u operaturi spazjali li jwettqu*** missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV) ***jew tal-ISOS***, dawn għandhom jiġu ***temporanjament eskluži mir-rekwiżiti*** tat-Titolu IV, il-Kapitolu III, ***f'konformità mal-Artikolu*** 96(2). |

Or. en

**Emenda 1620**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 4**
Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta l-operaturi spazjali, li jkunu intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni, ***iwettqu*** missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV), dawn għandhom jiġu ***eżentati fir-rigward*** tat-Titolu IV, il-Kapitolu III, ***mill-obbligu msemmi fl-Artikolu 96(2)***. | 4. Meta l-operaturi spazjali, li jkunu intrapriżi żgħar ***b'kapitalizzazzjoni medja, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju*** jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni, ***li jwettqu*** missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV) ***jew tal-ISOS***, dawn għandhom jiġu ***eskluži mir-rekwiżiti*** tat-Titolu IV, il-Kapitolu III, ***f'konformità mal-Artikolu 96***. |

Or. en

**Emenda 1621**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta l-operaturi spazjali***, li jkunu intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni, iwettqu*** missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV), dawn għandhom jiġu eżentati ***fir-rigward tat-Titolu IV, il-Kapitolu III,*** mill-obbligu msemmi fl-Artikolu 96(2). | 4. Meta l-operaturi spazjali ***jwettqu*** missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV), dawn għandhom jiġu eżentati mill-obbligu ***li jikkalkolaw l-Impronta Ambjentali mill-attivitajiet spazjali li jwettqu*** msemmi fl-Artikolu 96(2). |

Or. en

**Emenda 1622**
**Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni simplifikata u aċċellerata għandha tapplika għat-titjiriet suborbitali, għall-*** |

***missjonijiet ta' dimostrazzjoni teknoloġika, għad-Dimostrazzjoni u l-Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV), u għal attivitajiet sperimentali oħra. Tali proċedura għandha tinkludi rekwiżiti proporzjonati rigward il-valutazzjonijiet tas-sikurezza, l-obbligi ambjentali u d-dokumentazzjoni.***

Or. en

**Emenda 1623**
**Sarah Knafo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-intrapriżi żgħar u l-istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni għandhom jibbenefikaw b'mod awtomatiku mir-reġim simplifikat stabbilit f'dan l-Artikolu mingħajr formalitajiet ta' eliġibbiltà addizzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 1624**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Titolu II – Kapitolu II**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***II [...]*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kapitolu II (rikonoxximent ekwivalenti ta' awtorizzazzjonijiet nazzjonali) huwa mħassar minħabba li huwa sostitwit mill-awtorizzazzjoni unika tal-EUSA skont l-Artikolu 6 rivedut.*

*Ma għadx hemm sistema ta' 27 awtorizzazzjoni nazzjonali li jirrikjedu rikonoxximent reċiproku; awtorizzazzjoni waħda tal-UE tissostiwihom kollha.*

**Emenda 1625**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-attivitajiet fl-ispazju jitwettqu fir-rigward tal-assi tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tawtorizza lill-entità fdata bl-eżekuzzjoni jew bl-operazzjoni tal-komponent rispettiv tal-Programm tal-Unjoni. | Meta l-attivitajiet fl-ispazju jitwettqu fir-rigward tal-assi tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tawtorizza lill-entità fdata bl-eżekuzzjoni jew bl-operazzjoni ***unika*** tal-komponent rispettiv tal-Programm tal-Unjoni. |

Or. en

**Emenda 1626**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Skont il-governanza speċifika ***tal-komponent tal-Programm*** tal-Unjoni, l-entità applikanti għandha tipprovdi d-dettalji u l-ispjegazzjonijiet tekniċi kollha lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni li juru l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I, II, III, IV u V. | 2. Skont il-governanza speċifika ***tal-azzjoni*** tal-Unjoni, l-entità applikanti għandha tipprovdi d-dettalji u l-ispjegazzjonijiet tekniċi kollha lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni li juru l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I, II, III, IV u V. |

Or. en

**Emenda 1627**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Skont ***il-governanza speċifika tal-komponent*** tal-Programm tal-Unjoni, l-entità applikanti għandha tipprovdi d-dettalji u l-ispjegazzjonijiet tekniċi kollha lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni li juru l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I, II, III, IV u V. | 2. Skont ***il-komponent speċifiku*** tal-Programm tal-Unjoni, l-entità applikanti għandha tipprovdi d-dettalji u l-ispjegazzjonijiet tekniċi kollha lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni li juru l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I, II, III, IV u V. |

Or. en

**Emenda 1628**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fi żmien ***30*** jum tax-xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni tal-entità għall-awtorizzazzjoni, l-Aġenzija għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni hix kompluta. | Fi żmien ***20*** jum tax-xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni tal-entità għall-awtorizzazzjoni, l-Aġenzija għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni hix kompluta. |

Or. en

**Emenda 1629**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**
Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni | Meta applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni |

| | |
|---|---|
| ma tkunx kompluta, jew meta tkun meħtieġa kjarifika ulterjuri, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi skadenza sa meta l-entità applikanti għandha tipprovdi l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa ***jew tagħti kjarifika***. | ma tkunx kompluta, jew meta tkun meħtieġa kjarifika ulterjuri, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi skadenza sa meta l-entità applikanti għandha tipprovdi l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. |

Or. en

**Emenda 1630**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ma tkunx kompluta, jew meta tkun meħtieġa kjarifika ulterjuri, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi skadenza sa meta l-entità applikanti għandha tipprovdi l-informazzjoni addizzjonali ***meħtieġa jew tagħti kjarifika***. | Meta applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ma tkunx kompluta, jew meta tkun meħtieġa kjarifika ulterjuri, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi skadenza ***raġonevoli*** sa meta l-entità applikanti għandha tipprovdi l-informazzjoni addizzjonali. |

Or. en

**Emenda 1631**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ma għandu jkun hemm l-ebda ħtieġa ta' awtorizzazzjoni mill-Istati Membri li fihom ikun jinsab l-applikant.*** |

Or. en

**Emenda 1632**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**
Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fi żmien 6 xhur mid-data tan-notifika msemmija fl-Artikolu 11(3), it-tielet subparagrafu, l-Aġenzija għandha teżamina, skont l-Artikolu 43(1), il-punt (a), l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, billi tivvaluta jekk l-applikant: | Fi żmien 6 xhur mid-data tan-notifika msemmija fl-Artikolu 11(3), it-tielet subparagrafu, l-Aġenzija għandha teżamina, skont l-Artikolu 43(1), il-punt (a), l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, billi tivvaluta jekk l-applikant ***jiżgurax konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament***: |

Or. en

**Emenda 1633**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fi żmien ***6*** xhur mid-data tan-notifika msemmija fl-Artikolu 11(3), it-tielet subparagrafu, l-Aġenzija għandha teżamina, skont l-Artikolu 43(1), il-punt (a), l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, billi tivvaluta jekk l-applikant***:*** | Fi żmien ***3*** xhur mid-data tan-notifika msemmija fl-Artikolu 11(3), it-tielet subparagrafu, l-Aġenzija għandha teżamina, skont l-Artikolu 43(1), il-punt (a), l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, billi tivvaluta jekk l-applikant ***jiżgurax konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 1634**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**
Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) għandux l-affidabbiltà, il-kapaċità u l-kompetenza kollha meħtieġa biex iwettaq attivitajiet fl-ispazju;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1635**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) għandux l-affidabbiltà, il-kapaċità u l-kompetenza kollha meħtieġa biex iwettaq attivitajiet fl-ispazju;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1636**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**
Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) jiżgurax konformità mar-rekwiżiti*** | ***imħassar*** |

***stabbiliti f'dan ir-Regolament u kif applikabbli ma' kull rekwiżit speċifiku meħtieġ mill-implimentazzjoni tal-missjoni spazjali, fil-kuntest tal-Programm Spazjali msemmi fir-Regolament (UE) 2021/696 jew fir-Regolament (UE) 2023/588, li għalih tkun ġiet sottomessa applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni;***

Or. en

**Emenda 1637**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) jiżgurax konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u kif applikabbli ma' kull rekwiżit speċifiku meħtieġ mill-implimentazzjoni tal-missjoni spazjali, fil-kuntest tal-Programm Spazjali msemmi fir-Regolament (UE) 2021/696 jew fir-Regolament (UE) 2023/588, li għalih tkun ġiet sottomessa applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1638**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| ***(c) ma joħloqx theddida għall-ordni pubbliku, is-sikurezza tal-persuni u l-proprjetà, u għas-saħħa pubblika fl-Unjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1639**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c**
Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) ma joħloqx theddida għall-ordni pubbliku, is-sikurezza tal-persuni u l-proprjetà, u għas-saħħa pubblika fl-Unjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1640**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ma joħloqx theddida għall-ordni pubbliku, is-sikurezza tal-persuni u l-proprjetà, u għas-saħħa pubblika fl-Unjoni. | (c) ma joħloqx theddida għall-ordni pubbliku, is-sikurezza tal-persuni u l-proprjetà, u għas-saħħa pubblika fl-Unjoni***, u għall-interessi strateġiċi tagħha***. |

Or. en

**Emenda 1641**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**
Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Aġenzija għandha tadotta deċiżjoni motivata għalkollox li tipproponi lill-Kummissjoni toħroġ jew tirrifjuta awtorizzazzjoni, abbażi tal-valutazzjoni teknika ***biex tivvaluta l-konformità mwettqa f'konformità mal-Artikolu 43(1), il-punt (a)***. | L-Aġenzija għandha tadotta deċiżjoni motivata għalkollox li tipproponi lill-Kummissjoni toħroġ jew tirrifjuta awtorizzazzjoni, abbażi tal-valutazzjoni teknika ***u tinnotifika lill-Kummissjoni minnufih***. |

Or. en

**Emenda 1642**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Aġenzija għandha tadotta deċiżjoni motivata għalkollox li tipproponi lill-Kummissjoni toħroġ jew tirrifjuta awtorizzazzjoni, abbażi tal-valutazzjoni teknika ***biex tivvaluta l-konformità*** mwettqa f'konformità mal-Artikolu 43(1), il-punt (a). | L-Aġenzija għandha tadotta deċiżjoni motivata għalkollox li tipproponi lill-Kummissjoni toħroġ jew tirrifjuta awtorizzazzjoni, abbażi tal-valutazzjoni teknika mwettqa f'konformità mal-Artikolu 43(1), il-punt (a). |

Or. en

**Emenda 1643**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**
Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Aġenzija għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-Kummissjoni minnufih.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1644**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fi żmien ***30*** jum tax-xogħol mill-wasla tad-deċiżjoni tal-Aġenzija msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni li toħroġ jew tirrifjuta l-awtorizzazzjoni u għandha tinnotifikaha lill-applikant minnufih. Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ malli tiġi notifikata lill-applikant. | Fi żmien ***20*** jum tax-xogħol mill-wasla tad-deċiżjoni tal-Aġenzija msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni li toħroġ jew tirrifjuta l-awtorizzazzjoni u għandha tinnotifikaha lill-applikant minnufih. Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ malli tiġi notifikata lill-applikant. ***Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Aġenzija minnufih u tirreġistra lill-operatur fl-URSA.*** |

Or. en

**Emenda 1645**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**
Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni għandha toħroġ*** | ***imħassar*** |

***awtorizzazzjoni biss meta l-applikant ikun jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu.***

Or. en

**Emenda 1646**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni għandha toħroġ awtorizzazzjoni biss meta l-applikant ikun jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1647**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-Aġenzija għandha tirreġistra minghajr dewmien fl-URSO lill-operaturi spazjali tal-Unjoni awtorizzati f'konformità ma' dan il-Kapitolu.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1648**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Aġenzija għandha tirreġistra mingħajr dewmien ***fl-URSO lill-operaturi*** spazjali tal-Unjoni awtorizzati f'konformità ma' dan il-Kapitolu. | 3. L-Aġenzija għandha tirreġistra mingħajr dewmien ***fl-URSA l-attivitajiet spazjali mwettqa mill-operaturi*** spazjali tal-Unjoni awtorizzati f'konformità ma' dan il-Kapitolu. |

Or. en

**Emenda 1649**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Aġenzija għandha tirreġistra ***mingħajr dewmien*** fl-URSO lill-operaturi spazjali tal-Unjoni awtorizzati f'konformità ma' dan il-Kapitolu. | 3. L-Aġenzija għandha tirreġistra ***minnufih*** fl-URSO lill-operaturi spazjali tal-Unjoni awtorizzati f'konformità ma' dan il-Kapitolu. |

Or. en

**Emenda 1650**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Aġenzija għandha tipproponi lill-Kummissjoni li tissospendi jew tirtira, kif applikabbli, l-awtorizzazzjoni meta operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni***:*** | 2. L-Aġenzija għandha tipproponi lill-Kummissjoni li tissospendi jew tirtira, kif applikabbli, l-awtorizzazzjoni meta operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni ***ma jibqax jikkonforma mal-kundizzjonijiet li taħthom inħarġet l-awtorizzazzjoni, u ma ħax l-azzjoni ta'*** |

***rimedju mitluba mill-Kummissjoni.***

Or. en

**Emenda 1651**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja**
Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Aġenzija għandha tipproponi lill-Kummissjoni li tissospendi jew tirtira, kif applikabbli, l-awtorizzazzjoni meta operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni***:** | 2. L-Aġenzija għandha tipproponi lill-Kummissjoni li tissospendi jew tirtira, kif applikabbli, l-awtorizzazzjoni meta operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni ***ma jibqax jikkonforma mal-kundizzjonijiet li taħthom inħarġet l-awtorizzazzjoni, u ma ħax l-azzjonijiet ta' rimedju mitluba mill-Kummissjoni.*** |

Or. en

**Emenda 1652**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) ikun kiseb l-awtorizzazzjoni b'dikjarazzjonijiet foloz jew b'mezzi irregolari oħra;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1653**

**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a**
Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) ikun kiseb l-awtorizzazzjoni b'dikjarazzjonijiet foloz jew b'mezzi irregolari oħra;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1654**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) ma jibqax konformi mal-kundizzjonijiet li skonthom tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni u ma jkunx ħa l-azzjonijiet ta' rimedju mitluba mill-Kummissjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1655**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt b**
Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| ***(b) ma jibqax konformi mal-kundizzjonijiet li skonthom tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni u ma jkunx ħa l-azzjonijiet ta' rimedju mitluba mill-Kummissjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1656**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Mhux aktar tard minn xahrejn*** mill-wasla tal-proposta tal-Aġenzija msemmija fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar is-sospensjoni jew l-irtirar proposti. | ***Fi żmien 30 jum tax-xogħol*** mill-wasla tal-proposta tal-Aġenzija msemmija fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar is-sospensjoni jew l-irtirar proposti. |

Or. en

**Emenda 1657**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Forniment ta' data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali ***minn operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali*** | Forniment ta' data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali ***fis-suq intern*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tirrifletti l-prinċipju ta' applikazzjoni ugwali għall-operaturi kollha li jipprovdu servizzi fl-Unjoni irrispettivament mill-oriġini.*

**Emenda 1658**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Forniment ta' data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali minn operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

Or. en

**Emenda 1659**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu -1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. Meta l-operaturi spazjali jqiegħdu data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fis-suq intern, l-attivitajiet spazjali rilevanti għandhom ikunu rreġistrati fl-URSA u għandu jkollhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25.*** |

Or. en

**Emenda 1660**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu -1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1a. Il-fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju għandhom jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni biss meta dik id-data tkun ġiet iġġenerata minn attivitajiet spazjali rreġistrati fl-URSA u jkollhom iċ-ċertifikat elettroniku.*** |

Or. en

**Emenda 1661**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-operaturi spazjali ***ta' pajjiżi terzi li huma*** rreġistrati ***f'konformità mal-Artikolu 17 fir-Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali u għandhom*** iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu ***25(1), għandhom jitħallew*** jipprovdu ***servizzi spazjali lill-operaturi spazjali tal-Unjoni u fir-rigward tal-assi tal-Unjoni u tal-assi msemmija*** fl-Artikolu ***5, l-ewwel paragrafu, il-punt (21)***. | 1. ***Meta*** l-operaturi spazjali ***jqiegħdu data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fis-suq intern tal-Unjoni, l-attivitajiet spazjali rilevanti għandhom jiġu*** rreġistrati ***fl-URSA u għandu jkollhom*** iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu ***25. Dan ir-rekwiżit għandu japplika irrispettivament jekk l-operatur spazjali jkunx stabbilit fl-Unjoni jew f'pajjiż terz.***<br><br>***Il-fornituri primarji tad-data bbażata fuq l-ispazju għandhom*** jipprovdu ***data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni biss meta tali data tkun ġiet iġġenerata mill-attivitajiet spazjali rreġistrati fl-URSA u li għandhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi*** fl-Artikolu ***25***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sostituzzjoni tal-approċċ frammentat tal-Kummissjoni — reġimi separati għall-operaturi ta' pajjiżi terzi — b'rekwiżit ta' reġistrazzjoni fl-URSA uniku u trasparenti għall-operaturi kollha li jqiegħdu servizzi fis-suq tal-UE. Regoli ugwali għal kulħadd: l-operaturi tal-Unjoni għandhom awtorizzazzjonijiet tal-EUSA, l-operaturi mhux tal-Unjoni jiksbu reġistrazzjonijiet fl-URSA.*

**Emenda 1662**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***L-operaturi*** spazjali ta' pajjiżi terzi ***li*** huma rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 17 ***fir-Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali u għandhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25(1), għandhom jitħallew jipprovdu servizzi spazjali lill-operaturi spazjali tal-Unjoni u fir-rigward tal-assi tal-Unjoni u tal-assi msemmija fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (21)***. | 1. ***Operatur*** spazjali ta' pajjiżi terzi ***jista' biss jipprovdi servizz spazjali lill-operaturi spazjali tal-Unjoni jekk l-attivitajiet spazjali li beħsiebu jipprovdi għal dak is-servizz*** huma rreġistrati ***fl-URSA*** f'konformità mal-Artikolu 17. |

Or. en

**Emenda 1663**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li huma rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 17 fir-Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali ***u għandhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25(1),*** għandhom jitħallew jipprovdu servizzi spazjali lill-operaturi spazjali tal-Unjoni u fir-rigward tal-assi tal-Unjoni u tal-assi ***msemmija fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (21)***. | 1. L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li huma rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 17 fir-Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali għandhom jitħallew jipprovdu servizzi spazjali lill-operaturi spazjali tal-Unjoni u fir-rigward tal-assi tal-Unjoni u tal-assi ***spazjali governattivi u mhux governattivi***. |

Or. en

**Emenda 1664**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi ***li*** huma rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 17 fir-Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali ***u*** għandhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25(1)***, għandhom jitħallew jipprovdu servizzi spazjali lill-operaturi spazjali tal-Unjoni u fir-rigward tal-assi tal-Unjoni u tal-assi msemmija fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (21)***. | 1. L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi ***għandhom jitħallew jipprovdu servizzi spazjali lill-operaturi spazjali tal-Unjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:*** |
| | ***(a)*** Huma rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 17 fir-Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali***; u*** |
| | ***(b)*** Għandhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25(1). |

Or. en

**Emenda 1665**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li huma rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 17 ***fir-Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali*** u għandhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25(1), għandhom jitħallew jipprovdu servizzi spazjali lill-operaturi spazjali tal-Unjoni u fir-rigward tal-assi tal-Unjoni u tal-assi ***msemmija fl-Artikolu 5, l-ewwel*** | 1. L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi ***li jwettqu attivitajiet spazjali u*** li huma rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 17 ***fl-URSA*** u għandhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25(1), għandhom jitħallew jipprovdu servizzi spazjali lill-operaturi spazjali tal-Unjoni u fir-rigward tal-assi tal-Unjoni u tal-assi ***spazjali*** |

| | |
|---|---|
| ***paragrafu, il-punt (21)***. | ***governattivi jew mhux governattivi***. |

Or. en

**Emenda 1666**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Operatur spazjali minn pajjiż terz jista' biss jipprovdi servizz spazjali fl-Unjoni meta l-attivitajiet spazjali meħtieġa għal dak is-servizz ikunu rreġistrati fl-URSA f'konformità mal-Artikolu 17 u jkollhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Regola espliċita dwar l-aċċess għas-suq għall-operaturi ta' pajjiżi terzi: l-ebda servizz spazjali fl-Unjoni mingħajr reġistrazzjoni fl-URSA u ċertifikat elettroniku.*

**Emenda 1667**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-operaturi tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi u l-operaturi tas-siti tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-illanċjar u għall-operaturi tas-siti tal-illanċjar stabbiliti fl-Artikoli 61, 75, 75a, u 95 sa 101.*** |

Or. en

**Emenda 1668**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Il-fornituri tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-fornituri tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 102 u 103.*** |

Or. en

**Emenda 1669**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Biex l-organizzazzjonijiet internazzjonali jipprovdu, bis-saħħa tat-trattati tagħhom, data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, kif applikabbli, għandu jkun hemm fis-seħħ il-ftehimiet imsemmija fl-Artikoli 107 u 108, rispettivament.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ġie mċaqlaq għall-Artikolu 20a ġdid*

**Emenda 1670**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Biex l-organizzazzjonijiet internazzjonali jipprovdu, bis-saħħa tat-trattati tagħhom, data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, kif applikabbli, għandu jkun hemm fis-seħħ il-ftehimiet imsemmija fl-Artikoli 107 u 108, rispettivament. | Biex l-organizzazzjonijiet internazzjonali jipprovdu, bis-saħħa tat-trattati tagħhom, data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, kif applikabbli, għandu jkun hemm fis-seħħ il-ftehimiet imsemmija fl-Artikoli 107 u 108, rispettivament.<br>***L-attivitajiet spazjali tal-organizzazzjonijiet internazzjonali li jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, skont l-ewwel subparagrafu, għandhom jiġu rreġistrati fl-URSA u għandu jkollhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25(1).*** |

Or. en

**Emenda 1671**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Biex*** l-organizzazzjonijiet internazzjonali jipprovdu, bis-saħħa tat-trattati tagħhom, data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, ***kif applikabbli, għandu jkun hemm*** fis-seħħ ***il-ftehimiet imsemmija fl-Artikoli 107 u 108, rispettivament***. | L-organizzazzjonijiet internazzjonali ***għandhom jitħallew*** jipprovdu, bis-saħħa tat-trattati tagħhom, data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, ***sakemm:***<br>***(a) il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 107 jkun*** fis-seħħ***;***<br>***(b) ikunu rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 17 fir-Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali; u***<br>***(c) ikollhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25(1)***. |

Or. en

**Emenda 1672**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-organizzazzjonijiet internazzjonali li jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, skont l-ewwel subparagrafu, għandhom jiġu rreġistrati fl-URSO u jkollhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25(1).*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ġie mċaqlaq għall-Artikolu 20a ġdid*

**Emenda 1673**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-organizzazzjonijiet internazzjonali li jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, skont l-ewwel subparagrafu, għandhom jiġu rreġistrati fl-URSO u jkollhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25(1).*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1674**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-organizzazzjonijiet internazzjonali li jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, skont l-ewwel subparagrafu, għandhom jiġu rreġistrati fl-URSO u jkollhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25(1).*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1675**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3**
Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika meta l-organizzazzjoni internazzjonali tkun twettaq biss attivitajiet ta' valutazzjoni teknika skont l-Artikolu 8(1), il-punt (b).*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1676**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika meta l-organizzazzjoni internazzjonali tkun twettaq biss attivitajiet ta' valutazzjoni teknika skont l-Artikolu 8(1), il-punt (b).*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-esklużjoni għall-organizzazzjonijiet internazzjonali li jwettqu biss attivitajiet ta' valutazzjoni teknika ma għaddiex meħtieġa: skont l-arkitettura riveduta, ir-rwol tal-ESA bħala korp tekniku kwalifikat huwa rregolat mill-Artikolu 8 u mill-ftehim tal-Artikolu 108, mhux mill-Artikolu 14.*

**Emenda 1677**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika meta l-organizzazzjoni internazzjonali tkun twettaq biss attivitajiet ta' valutazzjoni teknika skont l-Artikolu 8(1), il-punt (b).*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ġie mċaqlaq għall-Artikolu 20a ġdid*

**Emenda 1678**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika meta l-organizzazzjoni internazzjonali tkun twettaq biss attivitajiet ta' valutazzjoni teknika skont l-Artikolu 8(1), il-punt ***(b)***. | 3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika meta l-organizzazzjoni internazzjonali tkun twettaq biss attivitajiet ta' valutazzjoni teknika skont l-Artikolu 8(1), il-punt ***(c)***. |

Or. en

**Emenda 1679**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-paragrafu ***2*** ma għandux japplika meta l-organizzazzjoni internazzjonali tkun twettaq biss attivitajiet ta' valutazzjoni teknika skont l-Artikolu 8(1), il-punt (b). | 3. Il-paragrafu ***5*** ma għandux japplika meta l-organizzazzjoni internazzjonali tkun twettaq biss attivitajiet ta' valutazzjoni teknika skont l-Artikolu 8(1), il-punt (b). |

Or. en

**Emenda 1680**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 15*** | ***imħassar*** |
| ***Regoli applikabbli għall-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi*** | |
| ***1.*** | |
| ***L-operaturi tal-inġenji spazjali ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 62, 66, 67, 69 sa 73, 75 sa 92, u 96 sa 100.*** | |
| ***Barra minn hekk, l-operaturi tal-inġenji spazjali ta' pajjiżi terzi għandhom:*** | |
| ***(a) jabbonaw għal fornitur pubbliku jew kummerċjali tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet;*** | |
| ***(b) jiżguraw li l-fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet imsemmi fil-punt (a) ikollu l-mezzi tekniċi biex jivvaluta l-evitar tal-kolliżjonijiet u jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-*** | |

***punt 1 tal-Anness IV;***

***(c) jinnotifikaw lill-Aġenzija, fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-URSO, l-isem u d-dettalji tal-fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet imsemmi fil-punt (a).***

***L-Aġenzija għandha żżid l-informazzjoni msemmija fil-punt (c), fil-bażi tad-data tal-lista tal-kuntatt tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 67(1).***

***2. L-operaturi tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi u l-operaturi tas-siti tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni u għall-operaturi tas-siti tal-illanċjar tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 61, 75 sa 92, u 96 sa 100.***

***3. Il-fornituri tal-ISOS ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-fornituri tal-ISOS tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 101.***

***4. Il-fornituri tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-fornituri tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 102 u 103.***

Or. en

**Emenda 1681**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Regoli applikabbli għall-operaturi spazjali ***ta' pajjiżi terzi*** | Regoli applikabbli għall-operaturi spazjali ***minn pajjiż terz*** |

Or. en

**Emenda 1682**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-operaturi tal-inġenji spazjali ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 62, 66, 67, 69 sa 73, ***75 sa 92,*** u 96 sa 100. | L-operaturi tal-inġenji spazjali ta' pajjiżi terzi***, meta joffru servizzi spazjali jew data bbażata fuq l-ispazju lis-suq tal-Unjoni,*** għandhom ***jew:*** |
| | ***(a)*** ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 62, ***63,*** 66, 67, 69 sa 73, u 96 sa 100 ***jew*** |
| | ***(b) juru, f'applikazzjoni lill-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 17, li l-proċessi eżistenti li l-operatur għandu stabbiliti jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà ta' dan l-Att***. |

Or. en

**Emenda 1683**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-operaturi*** tal-inġenji spazjali ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 62, 66, 67, 69 sa 73, ***75 sa 92,*** u 96 sa 100. | ***L-attivitajiet tal-operaturi*** tal-inġenji spazjali ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 62, ***63,*** 66, 67, 69 sa 73, u 96 sa 100***, meta jkunu pprovduti bħala servizzi spazjali u data bbażata fuq*** |

***l-ispazju fl-Unjoni***.

Or. en

**Emenda 1684**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-operaturi*** tal-inġenji spazjali ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 62, 66, 67, 69 sa 73, 75 ***sa 92***, u 96 sa 100. | ***L-attivitajiet spazjali mwettqa mill-operaturi*** tal-inġenji spazjali ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli ***7a,*** 62, ***63,*** 66, 67, 69 sa 73, 75, u 96 sa 100. |

Or. en

**Emenda 1685**
**Marina Mesure**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-operaturi ***tal-inġenji*** spazjali ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi ***tal-inġenji*** spazjali tal-Unjoni ***stabbiliti fl-Artikoli 62, 66, 67, 69 sa 73, 75 sa 92, u 96 sa 100***. | L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi ***li jixtiequ joperaw fit-territorju tal-Unjoni*** għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli ***kollha*** għall-operaturi spazjali tal-Unjoni. |

Or. fr

**Emenda 1686**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a**
Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jabbonaw għal fornitur pubbliku jew kummerċjali tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet; | (a) ***jiżviluppaw sistemi interni tal-evitar tal-kolliżjonijiet li huma konformi mar-rekwiżiti fl-Anness IV jew*** jabbonaw għal fornitur pubbliku jew kummerċjali tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet ***iċċertifikat mill-Aġenzija***; |

Or. en

**Emenda 1687**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jabbonaw għal fornitur pubbliku jew kummerċjali tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet; | (a) jabbonaw għal fornitur pubbliku jew kummerċjali tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet ***biex jiżguraw mekkaniżmi effettivi tal-evitar tal-kolliżjonijiet***; |

Or. en

**Emenda 1688**
**Marina Mesure**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jabbonaw għal fornitur ***pubbliku jew kummerċjali*** tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet; | (a) jabbonaw ***b'mod obbligatorju*** għal fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet ***tal-Unjoni***; |

Or. fr

**Emenda 1689**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jinnotifikaw lill-Aġenzija, fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ***fl-URSO***, l-isem ***u d-dettalji*** tal-fornitur ***tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet imsemmi*** fil-punt (a). | (c) jinnotifikaw lill-Aġenzija, fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ***tal-attivitajiet spazjali tagħhom fl-URSA***, l-isem tal-fornitur ***tas-CA u l-informazzjoni dwar il-mezzi tekniċi msemmija*** fil-punt (a). |

Or. en

**Emenda 1690**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jinnotifikaw lill-Aġenzija, fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ***fl-URSO***, l-isem u d-dettalji tal-fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet imsemmi fil-punt (a). | (c) jinnotifikaw lill-Aġenzija, fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ***fl-URSA***, l-isem u d-dettalji tal-fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet imsemmi fil-punt (a). |

Or. en

**Emenda 1691**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Aġenzija għandha żżid l-informazzjoni msemmija fil-punt (c), fil-bażi tad-data tal-lista tal-kuntatt tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 67(1).*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1692**
**Marina Mesure**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-operaturi tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi u l-operaturi tas-siti tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni u għall-operaturi tas-siti tal-illanċjar tal-Unjoni ***stabbiliti fl-Artikoli 61, 75 sa 92, u 96 sa 100***. | 2. L-operaturi tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi u l-operaturi tas-siti tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni u għall-operaturi tas-siti tal-illanċjar tal-Unjoni. |

Or. fr

**Emenda 1693**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-operaturi tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi u l-operaturi tas-siti tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni u għall-operaturi tas-siti tal-illanċjar tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 61, 75 ***sa 92,*** u 96 sa 100. | 2. L-operaturi tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi u l-operaturi tas-siti tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni u għall-operaturi tas-siti tal-illanċjar tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 61, 75 u 96 sa 100. |

Or. en

**Emenda 1694**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***L-operaturi*** tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi ***u l-operaturi tas-siti*** tal-illanċjar ***ta' pajjiżi terzi*** għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli ***għall-operaturi*** tal-illanċjar tal-Unjoni ***u għall-operaturi tas-siti tal-illanċjar tal-Unjoni*** stabbiliti fl-Artikoli 61, ***75 sa 92,*** u 96 sa 100. | 2. ***Is-servizzi*** tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi ***għandhom, għal kull tip ta' vettura*** tal-illanċjar***, u mhux għal kull illanċjar,*** għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli ***għas-servizzi*** tal-illanċjar tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 61, u 96 sa 100. |

Or. en

**Emenda 1695**
**András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**
Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-operaturi tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi u l-operaturi tas-siti tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni u għall-operaturi tas-siti tal-illanċjar tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 61***, 75 sa 92,*** u 96 sa 100. | 2. L-operaturi tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi u l-operaturi tas-siti tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni u għall-operaturi tas-siti tal-illanċjar tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 61 u 96 sa 100. |

Or. en

**Emenda 1696**
**Marina Mesure**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-fornituri tal-ISOS ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-fornituri tal-ISOS tal-Unjoni ***stabbiliti fl-Artikolu 101***. | 3. Il-fornituri tal-ISOS ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-fornituri tal-ISOS tal-Unjoni. |

Or. fr

**Emenda 1697**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li huma stabbiliti f'pajjiż terz li għalihom il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ta' ekwivalenza, f'konformità mal-Artikolu 105, għandhom jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu meta jkollhom awtorizzazzjoni nazzjonali għall-attivitajiet spazjali li joffru bħala servizzi speċjali jew li jużaw biex jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni.*** |

Or. en

**Emenda 1698**
**Marina Mesure**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 16*** | ***imħassar*** |
| ***Regoli għall-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi minn ġurisdizzjonijiet ekwivalenti*** | |
| ***L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li huma stabbiliti f'pajjiż terz li għalih il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni ta' ekwivalenza, f'konformità mal-Artikolu 105, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15.*** | |

Or. fr

**Emenda 1699**
**Sergey Lagodinsky**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 16*** | ***imħassar*** |
| ***Regoli għall-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi minn ġurisdizzjonijiet ekwivalenti*** | |
| ***L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li huma stabbiliti f'pajjiż terz li għalih il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni ta' ekwivalenza, f'konformità mal-Artikolu 105, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15.*** | |

Or. en

**Emenda 1700**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| *Artikolu 16* | ***imħassar*** |
| ***Regoli għall-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi minn ġurisdizzjonijiet ekwivalenti*** | |
| ***L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li huma stabbiliti f'pajjiż terz li għalih il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni ta' ekwivalenza, f'konformità mal-Artikolu 105, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15.*** | |

Or. en

**Emenda 1701**
**Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li huma stabbiliti f'pajjiż terz li għalih il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni ta' ekwivalenza, f'konformità mal-Artikolu 105, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-preżunzjoni ta' konformità għall-operaturi minn pajjiżi ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza hija mħassra, b'mod konsistenti mat-tħassir tal-mekkaniżmi ta' deċiżjonijiet ta' ekwivalenza fl-Artikolu 105. L-operaturi kollha huma soġġetti għall-istess valutazzjoni teknika irrispettivament mill-oriġini, u b'hekk titneħħa d-distorsjoni li l-operaturi vantaġġati minn ekwivalenza mogħtija mill-pajjiżi.*

**Emenda 1702**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li huma stabbiliti f'pajjiż terz li għalih il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni ta' ekwivalenza, f'konformità mal-Artikolu 105, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1703**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li huma stabbiliti f'pajjiż terz li għalih il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni ta' ekwivalenza, f'konformità mal-Artikolu 105, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15. | L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li huma stabbiliti f'pajjiż terz li għalih il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni ta' ekwivalenza, f'konformità mal-Artikolu 105, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15 ***għad-durata ta' dik id-deċiżjoni, fejn applikabbli***. |

Or. en

**Emenda 1704**
**Giorgio Gori, Sofie Eriksson**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Aġenzija għandha tirreġistra fl-URSA l-attivitajiet spazjali ta' tali operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi jekk ikunu awtorizzati f'dak il-pajjiż terz u huma soġġetti għal superviżjoni kontinwa f'dak il-pajjiż terz.*** |

Or. en

**Emenda 1705**
**Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Reġistrazzjoni ***tal-forniturituras-servizzi*** spazjali ta' pajjiżi terzi | Reġistrazzjoni ***tal-operaturi*** spazjali ta' pajjiżi terzi |

Or. en